LOUIS BOURIETTE

1st Meeting
Monday, 5th January 1987
Catholic Institute
4.00 p.m.

# BERNADETTE

Noel Woolf u Sheila Buckley
Maqluba ghal Malti : MICHAEL ZAMMIT

JIEHDU SEHEM

MADRE JOS.

LOUISE

FRANCOIS

X LOUIS

TOINETTE

JEANNE

BERNADETTE

M. LACADè

MME. LECLERC

REV. PEYREMALE

MADRE M. THERESE

MAR. VERONIQUE

MAR. HEDWIGE

MAR. RAPHAEL

## L-EWWEL ATT

Fid-dlam jinstemghu hafna ilhna jkantaw l-innu ta' Lourdes. X'hin jitla d-dawl nilmhu soru. Il-hoss ta' l-ilhna jizdied fliwaqt li tersaq purcissjoni u tghaddi; u mbaghad anke dan josfor. Is-Soru hija u l-Madre Josephine Imbert.

MADRE JOS. Karotti ! Ghala qed niftakar fil-karotti ? M'huma xejn hlief ghalf ghal hmir. Il-karrotti tuzhom biex iddendilhom quddiem il-hmir ha jigru. Is-sorijiet jikluhom ukoll il-karotti. Kien hemm zmien meta l-karotti kienu kwazi l-ikel ta' kuljum tal-kunvent taghna. Sewwa mela, kienu rhas u kienu tajba ghalina, u... Issa kull x'hin nisma' dan l-innu ma nahseb f'xejn ghajr fil-karrotti. Il-pellegrini qed ikantaw. jigu mid-dinja kollha biex iqimu l-Madonna ta' Lourdes. U jidhirli donnu li kull sena dejjem jizdiedu, dejjem jigu aktar u aktar, u dejjem jigu aktar ta' spiss biex mohhi issa, kuljum mimli karrotti. Hi kienet tinqala biex tqaxxar il-karrotti... tobroxhom. Kienet kwazi kwazi l-unika haga li kienet kapaci taghmel meta giet l-ewwel darba hawn, ghandna. Dak iz-zmien ma konniex certi nilqawhiex maghna - da zgur din issa haga li llum ngharfu li messu ma kien hemm l-ebda ezitazzjoni dwarha, imma dak in-nhar - heqq, ma kenietx f'sahhitha dak iz-zmien, u tant kienet injoranta, u donnu li ma kienet kapaci ghal xejn, donnu li ma kienet ta' ebda htiega ghal komunita'; u mbaghad l-isqof staqsiha x'kienet taf taghmel : "Xejn " qaltlu, "xejn, ma ninqala ghal xejn - hlief biex nobrox il-karrotti. " U mela, allura xhetniha tahdem fil-kcina - u l-karrotti dak iz-zmien kont tarahom ta' kuljum fuq il-mejda ta' l-ikel. U issa qed jippruvaw jghamluha qaddisa 'l din ..... Ghaliex? mhux li kien li nistghu naraw 'l-xulxin b'ghajnejn Alla ! Kieku kemm ikun facli li nifhumu...kieku.

*(Jintefa' id-dawl minn fuq is-Soru.*
*X'hin jerga' jixghel idl-dawl, insibu ruhna fid-dwejra. Bini tal-gebel, mudlam, niedi u kiesah. Bieb li jiehu sal bitha. Nicca fl-gholi b'targa gholja zzejjd fejn jorqdu t-tfal. Taht cuminijja li sservi anke ta' fuklar ghat-tisjir - tisjir fqir; soppa. Fuq il-fuklar insibu anke landa ilma shun. Fin-nofs mejda kif gie gie bi tlett siggijiet madwarha. Il-bicca ghamara l-ohra hija banketta zghira. Fir-rokna hemm gozz hwejjeg - il-lozor tas-sodod - li jgibuhom quddiem il-fuklar bil-lejl.*
*Ghal mument il-kamra tkun vojta, imbaghad mill-bitha tidhol Louise Soubirous b'xi hwejjeg tat-tfal li kienet qed tahsel u li qed tghasar. Tqedghom madwar il-fuklar biex jinfu ssahhan idha. minn gewwa jinstema lehen tfajjel )*

TIFEL *(minn barra) Ma ! Ma!*

LOUISE: X'gara?

TIFEL *(minn barra) Ma qed inhoss il-bard.*

*LOUISE* *(bejn u bejn ruha)* Naf, naf. Alla hanin, naf. *(Issejjahlu)* ipprova orqghod isa iprova. *(Thares madwara mbaghad*

*tnehhi x-xall minn ma spallitha u tidhol gewwa)* Dak hu. Ma nista' naghmel xejn aktar minn hekk. Ara, tista' ekk trid tiehu ftit soppa shuna, mbaghad trid tmur torqod. *(tohrog mill-kamra, tmurhdejn ic-cumnijja, tferra is-soppa fi platt u terga tidhol gewwa)*
*(FRANCOIS SOUBIROUS jidhol lura mill-bitha. X'hin tisimghu*
LOUISE *(Tohrog rasha) (B'lehen iddisappuntat)* Wasalt? *(Terggha tidhol)*
FRANCOIS Minn hsibt li gie San Niklaw? Lanqas it-twajjeb san Niklaw innifsu ma jersaqlek l'hawn, L-anqas jekk thalsu. *(johrog ftit flus mill-but jhares lejhom fil-pala ta' jdejh)*
LOUISE *(Tohrog mill-kamra ta' gewwa nett)* Xxx ! is-subien dahlu jorqdu. *(Tigbed il-purtiera)* Kont qed nittama li waslet TOINETTE u ohta. Ilhom barra nofs ta' nhar shih. Kif morna llum?
FRANCOIS Xejn ..... dawn biss! ! *(jixhett il-flus fuq il-mejda)* Tistaqsinix kif gew dawn.
LOUISE *(Tghati daqqa t'ghajn il-flus u tahbi id-disappunt)* Tghid fejn qieghdin daw id-tfal? *(Tmur wara Franciose)*
FRANCOIS Wehedhom kienu?
LOUISE Marru ma Jeanne *(ittaptap il-bwiet ta' Franciose imbghad tilqa ' b'idha).*
FRANCOIS Jeanne?
LOUISE Bint is-sinjura Abadiè
FRANCOIS *(Itiha kontra qalbu il-bqija tal-flus)* Dik il-bicca ta' ... dik il-.....
LOUISE Isa, ejja Franciose ! Isa
FRANCOIS Insomma, mhux sew qed nghid ? Dik. Dik thobb tghid wisq fuq in-nies.
LOUISE *(tqieghed il-flus fuq il-mejda ma l-ohrajn)* Jahasra mara b'qalb tad-deheb; u bintha Jeanne tifla helwa, imissek tizzijha hajr l-omma int talli thalli l-bintha tigi hawn tilghab ma' wliedna. *(tigbor il-flus kollha f'rokna tal-mejda)*
FRANCOIS Nizziha hajr! *(ipoggi bil-qeda mifhni)*
LOUISE Li ma kienx ghaliha kieku ma kienx ikollok ikel il-lejla x'tiekol.
FRANCOIS *(suspettus)* Jaqaw regghet tghatek il-basal?
LOUISE Inti minn dejjem kont thobbha is-soppa tal-basal. Kien hemm zmien meta kont titkarrabli biex nghamillek is-soppa tal-basal.
FRANCOIS Taf kemm il darba kilna is-soppa ta' basal dawn l-ahhar ftit gimghat. Taf?
LOUISE Iva Franciose naf.
FRANCOIS U qed.... u trid tghidli li ghadhekk thobba is-soppa tal-basal.... tassew?
LOUISE Iva Francios
FRANCOIS Anke bla gobon fuqha?
LOUISE Le Francios
FRANCOIS U mela allura fuq x'hiex qed nargumentaw?
LOUISE Minhiex nargumenta. Lili is-soppa tal-basal toghogobni - bil-gobon mahkuk.
FRANCOIS *(jinteressa ruhu)* Ma tridx tghid li ghandek xi ftit gobon hux?

LOUISE (*Tidhaqq*) Dik il-bicca ta' ..... dik li thobb tqasqass fuq in-nies - Tghatni bicca gobon u bicca hobz (*iggib il-hobz minn fuq ic-cumnija*).
FRANCOIS (*Iqum u jmur sa hdejha*) U mela nerga' nibla dak kollu li ghidt dwara. Inhobbha lis-sinjura Aabadiè... Jien inhobba
LOUISE (*Mahsuda*) Francios!
FRANCOIS U nhobb lilek, ukoll. (*jaqbadha u jbusa*)
(Louise ghal mument toghqod imbaghad titilqu u taqsam u tiehu l-bobz fuq il-mejda) Louise inti mara twajjba, mara mill-ahjar, mara sabiha - iva, hekk int - u inti twajjba wisq ghalija. Ara xgibtlek biex ..... inti issajarli is-soppa tal-basal. Isa ara mhux li kelna xi qatra nbid. (*harstu taqgha fuq il-flus fuq il-mejda*) (*Louise ga taf x'qed jahseb f'daqqa wahda tahtaf il-flus u titfahhom fil but tad-dublett.* ) Da zgur li le.
LOUISE (*Tmur lejn il-bieb*) Minn jaf fejn qieghdin dawk iz-zewg t'bniet?
FRANCOIS M'ghandek ghalfejn tinkwieta dawk daqt jigu.
LOUISE (*Iddur lejh*) " M'ghandekx ghalfejn tinkwieta dawk daqt jigu"! Kolla xorta wahda intom l-irgiel. (*Tghaddi minn warajh u tmur hdejn il-fuklar*). Ma jinpurtakx mit-tfal int?...minn uliedek?...Qatt ma jghaddilek minn rasek forsi ... forsi qeghdin f'xi ghalqa.. mintulhom ma' l-art... mejta?... Ma thoss xejn int? ... tas-silg?...
FRANCOIS Jahasra ! Min jaf jekk forsi kienx ikun ahjar ghalihom li kieku gralhom hekk ? (*Ipoggi bilqeda*)
LOUISE X'wicc ghandek tieqaf hemm u tghidli kliem bhal dan hej ? Haqqek timmuta,... jehhillek ilsienek meta titkellem hekk. Alla biss jaf x'inhu l-ahjar ghalihom mhux int.
FRANCOIS Tassew? Xi mindaqqiet nistghageb jiena, x'jaf. (*Ipoggi*) X'jistghu jistennew uliedna minn dil-mizerja eh? Din Toinette u Bernardette, liema ragel qatt ser jizzewwighom bla dota? X'nista ntighom jien?
LOUISE Hemm hwejjeg ohra barra l-flus.
FRANCOIS Iva hafna hwejjeg ohra - imma trid il-flus biex tixtrihom.
LOUISE Int taf ghala izzewigtek lilek Francois?
FRANCOIS Ghala? Ghax jiena kont ninqala' sew biex nidhan it-tqieq u ghax inti ttamajt li forsi stajt naqla hafna flus biex ikollok x'tonfoq. Kont ninqala' mhux hazin hux?
LOUISE Iva. Iva tassew li kont tinqala'. Imma Francois habbejtek ghax...(*Tghannqu minn wara u b'haddejha ma xaghru*) ma nafx kif naqbad nithaddet dwar dawn il-hwejjeg.. Ridt li uliedi jkunu uliedek - tieghek, u ta' l-ebda ragel iehor. Tifhimni:? naf li ma ghandekx flus x'taghtihom u naf li ma tista tixtrilhom xejn li jiswa', imma inti hemm haga wahda li tajthom - xi haga li hadd hadd izjed qatt ma seta' jaghtihom anke kieku ried. ghax inti tajthom lilek innifsek. U ghalija dik haga tassew ...kbira.
FRANCOIS Qed titkellm donnu li kont ferhana.
LOUISE Hienja : Jiena nemmen li jien hienja.
FRANCOIS Tajjeb mela jien m'inhix.
LOUISE Tahseb li t-tfal ukoll, hienja
FRANCOIS Kif qatt ragel jista' jkun ferhan jekk, jichdulu x-xoghol li Alla nnifsu qatghu ghalih?

LOUISE Wara thossok ahjar metassib li kilt xi haga shuna.. issa tara. Ahna hadd ma jaf Alla xi jrid minnha, u ghalxejn noqghodu nokorbu.

FRANCOIS Illum inzilt sal mithna.
*(Louise tieqaf hesrem u thares lejh b'hasra u b'sobgha).*
*Iva tant m'ghad baqali xejn, l-ebda gieh, li mort sal-mithna l-qadima taghna u ttallabt ghax-xoghol.* *(Ikun ser jaqbad kisra hobz)*

LOUISE *(Twaqqfu)* Dik ghat-tfal. *(Tmur sal-fuklar u timla platt bis-soppa)*

FRANCOIS **Tkaxkart s'hemm , s'ghandhom, hux? Qed imut biex nghati jum xoghol wiehed biss, ikun x'ikun.. nagmel x'nghamel. Daqhu f'wicci. Bhejjem!**

LOUISE Iskot, qalbi. Tqajjimx is-subie ghax jibdew igorru.. mill-bard u ... *(ghal mument tintilef f'dak li thoss )* u mbghad ma nkunx nista' nerga' nraqqadhom. *(Taqsam sal mejda u tqeghdlu il-platt soppa quddiemu. Imbghad tmur hdejn il-bieb u thares il-barra.)*

FRANCOIS *(Wara li jduq is-soppa)*; Tieghek fejn hu? Tajba giet, tajba hafna.

LOUISE Tieghi niedu wara; mat-tfal. *(tigi mas-siggu u tpoggi bilqeda)* Francios qed ninkwieta ghalihom. Naf zgur li gralhom xi haga. Ma tistax tohrog inti u tfittixhom eh? Issa. Mur issa

FRANCOIS Kif issa? qabel ma lanqas biss kilt?

LOUISE Mela, ha jkolli mmur jien mela. Int ma jinpurtak xejn minn uliedek ga la daraba qieghed bilqeda timla zaqqek b'ikel shun.

FRANCOIS Nimla zaqqi ha? ! U min qalli biex nikol eh? Min?

LOUISE **Nobghodok. Barra kesha silg u l-anqas xalpa m'ghandi.**

FRANCOIS Imma ghadek kemm qed tghid li thobbni.

LOUISE Iva veru, imma noghbodok ukoll.

FRANCOIS Fejn hu x-xall? Ma naghmlux mod li bieghhejtu hux?

LOUISE Le, Le. Qieghd fuq is-sodda tas-subien.

FRANCOIS Ha ngibulek (iqum)

LOUISE *(Izzommu)* Le Le m'inhix se nhallik tqajjimhom. *(tqum u tmur sal bieb)* ha mmur minghajru. Ma jimpurtax.....

FRANCOIS *(Jikkmanda)* Louise! It-tfal m'hu se jigrilhom xejn. Li kieku ilna li sirna nafu. Hawn bosta li jafuhom sew in-nahat taghna.

LOUISE *(Iddur fuqu)* Gara xi haga imma. Naf zgur, qalbi qed tehbirni.

FRANCOIS Tajjeb, ha mmur jien. *(Iqum)* Int poggi bilqeda u strieh. Tara dalwaqt nigi lura. Is-soppa nikolha la nigi *(ibighed il-platt) (Louise taqbad il-fdal tas-soppa u tixhtu fil-borma. Francois imur hdejn il-bieb.* [redacted]

~~*nnifsu tal-hab jirrifjuta li jitlob kieku kien hekk kieku probabli kien ikun jidher ghar ghalkemm kien ikun fil-fatt ahjar.)*~~ Ara Louis!

LOUIS Bonsoir habib tieghi, Bonsoir

FRANCOIS *(Lil Louise)* Hawn in-nannu Louis. Merhba bik fil-palazz Soubirous.

LOUISE *(Tmur sa hdejn il-bieb)* Ghàddi u stejqer. Hawn gew mhux bard daqs kemm hemm barra. *(Twasslu sas-siggu)* Kilt xi haga?

LOUIS Mhux mill-ghar illum nizzik hajr mhux hazin.

LOUISE Igifieri ghadhek b'xejn, int hux. *(Tqeghdu bil-qeda u timlilu platt soppa)*

LOUIS U tridux nghidilkom x'qed nara..... jien; dan kollu ma jonqsu xejn biex ikun palazz.... Xejn li xejn....

FRANCOIS *(Jersaq wara s-siggu)* Mela x'int iffurtunat hej jigifieri int lanqas ixxom m'ghadhekk issa. Kieku zgur titkellem mod iehor.

LOUIS Jaqaw, x'qed misma..... Il-habib tieghi xi gralu hawn?..... jaqaw!

LOUISE *(Ittih il-platt)* Nan taghtix kasu ghadu kemm gej minn gurnata xoghol u ghajjien.

LOUIS Dis-soppa! Din mhux lili missek tghatiha din zommha ghat-tfal ghal meta jigu d-dar.

LOUISE Hawn bizzejjed ghal kulhadd. Ara ha, dan Francois anqas felah jieklu. *(Tigbor xi hwejjeg mahsula)*. *(Frarncois jiftah halqu ghoddu biex jipprotesta)*. Kien sejjer x'hin dhalt int.... hiereg.

LOUIS [redacted] Hiereg? Mela ghamilt xi kemxa illum jaqaw? Ara jien ghad baqali xi haga tal-bierah hawn, tridx indabbru rasna ghal qatra?

LOUISE Le nannu, m,'ghamel l-ebda kemxa, hu hiereg biex ifittex it-tfal. Misshom ilhom li ingabru, u issa qed ninkwieta. *(Tqieghed il-hasil fuq il-mejda)*

LOUIS U mela jekk qed tinkwieta ghalhekk, thabbel rasek xejn ghax daqt tarhom hawn.

LOUISE Rajthom?

LOUIS Kienu hdejn ix-xmara ifittxu l-ghadam. Il-boghod minn hawn; daqt jaslu..... daqt jaslu.

FRANCOIS Mela hej nista' nispicca niekol issa.

~~*(Louis bla hoss jaghmel biex jaghtih il-platt)*~~

FRANCOIS Le, le, dak spiccah int. Issa naqleb ftit iehor. *(Louise tkun se twaqqfu, imma Francois isikkitha bil-mossa, imur hdejn il-fuklar, jaghmel taparsi hoss u jiehu l-platt vojt sa fuq il-mejda, u jippoggi.)*

LOUIS Dis-soppa tassew bnina... din tajba ghal mejda ta' re... ahjar fil-fatt. Dawk in-nies li huma mitdhla tal-pranzijiet dejjem dejjem kienu geddumhom fix-xhir u m'ghadhomx jaghrfu l-ikel tassew bnin bhalna li dejjem niggerraw b'zaqqna vojta. M'hiniex nisimghek tiekol Francois, habib.

FRANCOIS Mela ghallura qed tittarrax ukoll habib tieghi Louis. Marti l'hin kollu twiddibni u tghidli li fl-Lourdes jiena l-aktar wiehed li meclaq biex nikol is-soppa.

LOUISE *(mhux b'kattiverja)* Iccaccraw, iccaccraw. jekk inti m'intix ser tfittex it-tfal... allura forsi tista' taghmel

xi haga siewja. Ha aqbad dawn *(tqeghed xi hwejjeg quddiem Francios)*
FRANCOIS *(izomm xi hwejjeg)* Dan x'inhu ? Dan qatt ma rajtek bih qabel; u nittama li ma narak qatt.
LOUISE **Ara aqtaghha trid. Jekk ser toqghod tahseb dwar x'qed taghmel tista' almenu tahseb bla ma tikkummenta. u ara ma thammeg xejn. Jekk is-sinjura Bolland ma jkolliex il-hasla nadifa 'lura l-ewwel haga ghada filghodu kmieni ma ser naqlighu xejn flus, u mbaghad addijo ikel.**
FRANCOIS Dawn is-sinjura Bolland tilbishom ? Ha, Ha ! Min jaf kif tinhasad kieku taf li jiena naf.! Tghid ir-ragel taghha jaf?
LOUISE Ilu mejjet ghoxrin sena issa, mela jew jaf kollox, jew ma jinpurtahx.
FRANCOIS Int kieku tizzewwigha mara li tilbes dal-hwejjeg nann? Drapp fin kieku, drapp fin hafna, imma le - le, ma nafx x'nqabad nghid ! Ara, arohm....Ara!
LOUIS Int, habib tieghi, tinsa li jiena ma nistghax narahom ,anqas kieku rrid.
LOUISE Jisghobija, Louis, ahfirlu l-dan. ma nindunawx li jonqsok id-dawl - hudu bhala kumplimet.
*(Francoios jitwi l-hwejjeg)*
LOUIS Nizzik hajr imma dak huwa kumpliment li ma jisghobija xejn li kieku ma kellux ghalfejn isirli. Ma tantx ninhtieg hafna hwejjeg, jiena, imma d-dawl t'ghajnejja nixtiequ lura - anke ghal ftit sieghat biss qabel ma mmut. Ghandi xewqa kbira nara l-hbieb kollha tieghi. Lest li nhallas bosta ghal dan.
FRANCOIS U jien lest li nhalla biex nara x'wicc tqarra malli tara x'uhud minnhom.
LOUISE *(Tqum u tigbor il-hwejjejg mitwijja)* Jekk inhi r-rieda t'Alla jiena zgur li dak kollu li tixtieq qalbek isehh. *(Tghaddi minn warajhom u tqeghed il-hwejjeg hdejn il-kenur)*
FRANCOIS Ara isma milli qed nghidlek jien u ibqa kif int. Li ma kienx ghax ma tarax kieku hadd ma jghatik xejn. M'ghandekx erbat itfal bil-guh u bla hwejjeg kemm jinhtiegu, erbat tifal mirzughha bil-bard u jharsu lejk b'ghajnejn mimlijja fiducja fik li jifgawk bl-imhabba hierga minnhom. X'ghamlu dawn ghidli biex messhom missier bhali?
LOUISE Xxx Francois Xxx !
FRANCOIS Xi tridni niskot. Dan x'Alla hu dan li kapaci jerhi lit-tfal ibaghatu imhabba f'nuqqassijiet ta' missierijiethom? Dawk jafdawni f'kollox, u jahsbu li fija jsibu dak kollu li jinhtiegu minn missier - ghax min ma jafu xejn ahjar imma - u jien ara anqas bicca gugarell m'jien kapaci naghtihom. Mhux jien kont dak li kkundannajthom jghixu f'dal maqjel, f'din ir-remissa tinten li l-anqas lill-bhejjem ma tixraq.
LOUISE Hanini imma dan hux tort tieghek.
FRANCOIS U ara *(iqum)* jahfruli ukoll!
LOUIS Sidna Gesu nnifsu twieled fi stalla, u fil-faqar ukoll. Alla jaf x'inhu jghamel, jajf.
FRANCOIS Jaf x'ikun qed jaghmel Alla meta jitlaq . il-ghaziza Bernadette bil-lejl ....tisghol u tisghol bla ma tieqaf? Ara din l-umdita, bil-hagar kiesah u umdu qed joqtolha; u jien

idi marbuta u mä nista' naghamel xejn. U anke int Louise, tinkiwieta int fuqha ukoll Louise, toqghodx tilghaba li ma tinkwetax int.

LOUISE Tassew, ninkiweta. Tfajla tajba Bernadette, u tghajnuna kbira ghalija ukoll. Taf kemm tiehu hsieb iz-zghar hux, nann li kieku ma kienx ghaliha kieku il-gurnata tax-xoghol ma jghddiehieli hadd.... u madankollu xi mindaqqiet xorta wahda nistghageb... l-anqas biss m'hi kapaci taqra - tifla ta' l-eta taghha !

LOUIS ([redacted]) Ghala qed tistghageb ? L-anqas jiena ma naqra fl-eta li ghandi .. jien.

LOUISE **Din mhix xi haga tac-cajt. Kulhadd ihobbha, naf; imma hemm dawk li jqarsu wicchom. Naf jien x'jahsbu - gisem marradi ma jfisser xejn hlief mohh mhux f'siktu.**

LOUIS Hazin minn jahseb hekk fuq l-ghaziza Bernadette. Taf int, jiena qatt ma kelli x-xorti naraha, imma meta nisma' lehinha fih nisma xi haga differenti, xi hajga specjjali li ma nisma fil-lehen ta' hadd iehor hlief f'taghha - speci ta' tjubija - hekk hu - tjubija bla qies.

LOUISE Nixtieq li s-Swor Mikelina tisimghek, ghax hlief li t-tifla batuta, lura u ghazziena ma tghidilniex.

FRANCOIS Is-sworl Mikelina m'hi xejn ghajr....

LOUISE Francois !

FRANCOIS U iva mela ma nghid xejn. Imma hadd m'hu se jzommni milli nahseb tafx. M'ghandha l-ebda dritt titmashan dik ghax Bernadette xi naqra batuta. Mhux sew. Is-sorijiet m'ghandhomx dritt jitmashnu.

LOUIS U jekk it-tifla taf tghid hames posti tar-ruzarju u taf titlob, x'tambih il-qari, x'tambihom il-kliem fieragh kollu tal-kotba ? tafu intom li jien il-Bernadett kapaci ngharaf x'hemm fil-qieghan nett ta' qalbha hafna iktar milli kapaci taghmlu intom b'zewg pari ghajnejn b'kollox ? Jiena jidhirli li Alla jara l-Bernardette bhala wada mill-maghzulin tieghu.

LOUISE Nann qed tparla wisq. Nixfu dawk il-hwejjjeg hdejn in-nar? Nispicca l-hasla tas-sinjura Bolland u nibda l-hasla tat-tfal. Hasil il-hin kollu minn filghodu sa bil-lejl.

LOUIS ([redacted]) Nixfu dawn. U jien se jkolli mmur. ([redacted]) Int zgur li ma tridx tigi wkoll u ndhqu zewg dahqiet flimkien ? ([redacted]) Move to centre stage

LOUISE M'ghandu xejn x'jonfoq fid-dahq il-lejla, dan.

FRANCOIS Int minghul nann int... imissek tisthi tittantani hekk....

TOINETTE *(minn barra)* Ma ! Ma ! Ara, ejj ara x'gibna. Ejja ara l-hatab..

LOUISE Fl-ahhar nizzi hajr 'l Alla waslu. *(Tmur hdejn il-bieb tigri)*

JEANNE *(minn barra)* Sinjura Soubirous ghandna hafna hatab hawn, fejn tridna nqeduh.

TOINETTE *(minn barra)* Morna sa hdejn ix-xmara. Hemm hemm hafna w'hafna hatab. Sewwa ghamilna hux, ? ....sewwa?...M'intx ferhana bli ghamilna ma?
LOUISE Erhuh hemm issa. Dak issa jiehu hsiebu missierek aktar tard.
FRANCOIS *(imur fuq Louis)* Jiehu hsiebu missierek. Dejjem missierek ! L-anqas kelb ma trid tara barra llum... imma thabbilx rasek tafx jiehu hsieb missierek. *(Jaqbdu jidhqu)*
LOUISE Ara daqxejn hwejjigkom ! Arahom daqxen . uliedi ! Binti ! Iva... donnu li m'ghandix x'naghmel bizzejjed. X'se tghidlek ommok Jeanne, min, jaf. Ma tahfirli qatt jekk nibghatek id-dar hekk.
FRANCOIS *(lil Louis)* Ma narawx balsa ohra.
*(~~Jaqbdu jidhqu~~)*
LOUISE Isa ejjęw il-gewwa, idhlu isaw, ara kif sirtu... ara kif sirtu...
TOINETTE X'hemm jghall ikel ? Ghandi l-guh. *(tkun ser tahtaf bicca hobz)*
LOUISE *(Daqqa fuq idha bla malizzja)* Stenna hej, int m'intx wahdek tafx.
*(~~Fil-bieb tidhol BERNADETTE, taht abtha qed izomm basket u tidhol bilmod. Hadd ma jindunalha biha hlief ghal Papa Louis, li donnu qed isegwiha~~ [illegible] ~~li kienu kellu~~)*
JEANNE Jisghobija sinjura Soubirous imma ma ndunajniex li kien sar daqshekk hin.
TOINETTE Qatt ma taqta fejn konna ma. Morna mili, mili u mili boghod.
*(Francios jersa lejn il-bieb)*
LOUISE Fejn int sejjer Francois?
TOINETTE Qed jaqtaw u jaqilghu is-sigar kollha mill-art tas-sinjur Lafitte.
FRANCOIS *(Jiehu l-basket minn idejn Bernadette)* Fil-bitha.
LOUISE Tohrogx - tmurx ir-rahal - mhux il-lejla.... jekk jghogbok.
*(Bernardette tersaq l-isfel)*
TOINETTE Ma, Ma qed nipprova nghidlek ma.
FRANCOIS Jien sejjer fil-bitha ninhasel.
*(Francios johrog)*
LOUISE Strieh Toinette, ikkalma.
JEANNE Tirrabjax maghha madammè Soubirous, ghajjiena dik u Bernardette.....*(tara l-Bernadette thares lejha u tieqaf)*
TOINETTE Kwazi kwazi morna s'hemm imma Bernadette ma hallitniex u minflok morna sax-xmara. Qsamna u bqajna mexjin max-xatt sa isfel nett. Kemm kien kiesah l-ilma.
LOUISE L-ilma? x'ilma? X'gara Bernadette? Mela ma kontx qed tiehu hsiebhom ? Bernadette!
JEANNE Le mhux tort taghha madam, veru li ma kienx.
LOUISE X'ma kienx tort taghha ? Tridu tithadtu wahda wahda. Issa ghiduli x'ilma hu li kien kiesah ? tan-nixxiegha ?
TOINETTE /JEANNE *(flimkien)* Mhux tan-nixxiegha, ma tax-xmara. Kelna nnehhu z-zarbun biex stajna naqsmu.
LOUISE Stennew. Wahda wahda. Isimghuni... ara poggu bilqeda kollha. Bernardette tihom bicca hobz ha naqleb s-soppa *(Tnehhi l-ghazel minn nofs)*

TOINETTE Soppa ! Ah tajjeb, tajjeb, tajjeb !
*(Bernardette tmur bejn Toinette u Jeanne)*
LOUISE Minn jaf forsi b'halqkom mimli ma tparlawx daqshekk. *(Timla zewg skutelli)*
~~*(Louise tmur bilqeda fuq il-banketta)*~~
TOINETTE *(bilqeda)* Morna sa dak l-ghar l-ghar stramb dak 'l hemm hdejn ix-xmara. Jeanne wadbet iz-zarbun in-naha l-ohra imma jien tieghi garrejthom mieghi meta qsamna.
*(Jeanne tpoggi)* U hemm gara xi haga tassew tal-ghageb..
*(Jeanne taghti bis-sieq l-Toinette minn taht il-mejda. Din tiskot malajr u thares lejn Bernardette li qed toffrielha loqma hobz. tohodha u tixhet bicca kbira f'halqa. ~~Louise tpoggi bilqeda~~)*
TOINETTE Imma ahna ma dhalniex gewwa, kien hemm wisq dlam u bzajna. Imma barra -injam sibna xi ghadam ukoll.
*(Bernardette lil Jeanne tghatiha xi hobz imma din ma tehdux)*
LOUISE Mel' Int hekk taghmel ? Isa kellmu in-nannu.
*(Tqieghed zewg skutelli ohra fuq il-mejda)*
*(Jeanne u Toinette issa jindunaw b'Papa Louis)*
JEANNE Is-sliema ghalik nann ( *Tghaddi l-iskutella 'l Toinette)*
*(Bernardette tiehu l-ohra)*
TOINETTE *(Tinzel mis-siggu u sellimlu b'inkin)* Bonswa M'sier Bouriette *(Terga tpoggi bilqeda u tixrob is-soppa)*
LOUIS "M'Siour Bouriette". Tajba din. Bonswa ghalik mamselle Toinette. dan minn mindu qed isejhulhom bil-misieur lit-tallaba ta' Lourdes?
*(Louise tmur sa hdejn Jeanne u tipprova tnaddfilha hwejjigha)*
TOINETTE Swor Mikelina qalet lil Bernadette "kull ragel ikbar minnha issejahlu "misour" u wkoll mara trid issejhilha "madamm" jew "mamsell" skond tkunx mizzewga jew le". Dik l-edukażżjoni.
LOUISE U anke tparla b'halqek mimli... dik edukazzjoni wkoll?
LOUIS Mela allura xi haga qed jghallmukhom l-iskola ghallinqas! eh ? M'Sier Bouriette! Tajba din, tajba ! Din toghgobni din. Imma ckejkna, trid nghidlek sigriet zghir trid?!
TOINETTE Sigriet? *(Taqbez mis-siggu u tpoggi f'hogru)*
LOUISE Isa spicca l-ikel trid ?
TOINETTE Kilt kollox ma Ghidli, Ghidli, Jiena nhobbhom is-sigrieti...isa ghidli.
LOUIS Ha nghidlek bejnietna, nahseb li nippreferi li sejhuli "Nan". jidhirli li Nan fih hoss aktar helu, ma tahsibx?
TOINETTE *(Xi ftit dizappuntata)* Iwa nannu
LOUIS Bejnietna l-hbieb dejjem inkunu nixtiequ nkunu nafu li nfissru xi haga ghal xulxin. U allura favur specjali hafna nhallik issejjahli "Nannu" minn issa ghal dejjem ta' dejjem.
TOINETTE Ghal dejjem?...ta dejjem?
LOUIS Sakemm inti tibqa tiftakar fija tista' issejjahli hekk.
TOINETTE Lilek jien qatt ma ninsik. Qatt. *(Tghannqu u tmur hdejn il-mejda)* Baqa' x'nieklu?
LOUISE Sar hin l-irqad. Issa tard wisq. Bernadette, ha ohrogomo fil-bitha u ahslu jdejkom u wiccko sew. Fuq in-nar

hemm il-mishun. U lahlah il-platti fih ukoll. (*Toinette taqbad l-iskutela u tohrog tigri. Bernardette tqum b'taghha, tiehu l-landa bil-mishun u tohrog warajha, bilmod*).

**LOUIS** Kemm hi ferihija c-ckejkna Toinette. Tara kif il-hajja, hija xi haga sabiha? Fid-dinja li tghix fiha, kollox avventura - kemm it-tajjeb u kemm il-hazin. Aktar ghorrief minna, dac-ckejknin, ma jghoqodux il-hin kollu jfittxu il-kif u l-ghala ta' kull bicca nkwiet li tghaddi minghalihom. Ghalihom grajja tkun jew tajba jew hazina fiha nnfisa; il-wahda jiehdu gost biha, u 'l ohra jinsewha kemm jista' jkun malajr. Ghandna hafna x'nitghalmu minnhom ahna.

**LOUISE** (*Lil Jeanne*) Ahjar tmur id-dar issa ghax ommok .... tinkwieta.

**JEANNE** Iwa Madam Soubirous hekk naghmel. (*Tmur hdejn il-bieb u tieqaf*).

**LOUIS** Imma hu minn Bernardette, il-Bernardette ckejkna taghna, dik m'ghadhiex tifla issa. (*Jidhol Francois*). Qed tikber. Kemm ghandha zmien issa eh?

**FRANCOIS** Tlettax.

**LOUISE** Erbghatax.

**FRANCOIS** U iwa x'inhi sena 'l hawn jew 'l hemm. (*Ipoggi*)

**LOUISE** Fl-eta taghha hafna. Zgura minn daqshekk.

**LOUIS** Ha nghidilkom xi haga; tafu xejn li waqt li nkun hdejha ghajnejja bhal donnhom jibdew jaraw .... kwazi kwazi nkun kapaci nara d-dinja minn ghajnejha.

**JEANNE** Msier Soubirous .... (*Tersaq*).

**FRANCOIS** Hawn?

**JEANNE** Jekk xi hadd iwieghed xi haga, jrid izomm kelmtu mhux hekk?

**LOUISE** Ara, Jeanne, dan mhux hin biex naqbdu argumenti;

**FRANCOIS** Iwa Jeanne. Weghda jehtieg li ma tinkiserx.

**JEANNE** Anke meta xi hadd ikun geghelek twieghed taghmel xi haga 'l inti ma ridtx taghmel?

**FRANCOIS** Iwa. Weghda hija xi haga qaddisa li ssir f'isem Alla. Jekk tikser kelmtek tkun qed fil-fatt tiksirha Mieghu.

**JEANNE** Imma jekk xi hadd iehor .... Uff, kemm hi difficli din hej.

**LOUISE** Dawn xi hmerijiet huma? Jew tghidilna malajr, jew itlaq ghand ommok malajr.

**JEANNE** Daqs kemm hi difficli madam, qed insibha bi tqila.

**LOUISE** Mhix xi haga li ghandha x'taqsam ma Bernardette hux? (*Jeanne tibqa' siekta*). Jeanne Abadie, jekk inhi xi haga li ghandha x'taqsam ma' binti jehtieg li tghidli bla telf ta' zmien.

**JEANNE** Imma weghedtha .... Din tqila ... din.

**LOUISE** Jiena ommha, ghandi kull dritt li nkun naf. Hassa hazin? Qabdet tisghol meta kontu flimkien?

**JEANNE** Le le xejn mindan, xejn.

**LOUISE** Mela x'hiex allura .... irrid inkun naf.

**LOUIS** Jeanne, Jeanne, ara ejja 'l hawn, ersaq. (*Jeanne tersaq*).

**LOUISE** Nannu ....

**LOUIS** Xxx! Mhux sew jekk tigdeb hux hekk?

JEANNE Iwa.

LOUIS Imma taf int li hemm dawk il-gidbiet zghar ... zghar ... li gieli nghidu ... u taparsi m'ghadnihomx ghax inkella jghamlu l-buli ... idendlu l-geddum ... Taf min qalli wahda l-lejla? ... misier Soubirous .... Taparsi kien qed jiekol is-soppa biex jiena ma noqghodx nisthi u ma niehux .... imma dik gidba li tinhafirlu mill-ewwel peress li l-intenzjoni tieghu kienet tajba. Bernadette ikbar minnek mhux hekk, imma ghadha zghira u mhux dejjem tista' tkun taf x'inhu l-ahjar ghaliha. U mela jien jidhirli li inti tista' taghmel minn dil-wedgha, wahda minn dawk il-weghdiet zghar zghar. M'hemmx ghalfejn dejjem ~~inzommhom~~ .... bilfors.

LOUISE (*bla pacenzja*) Smajtu x'qal in-Nannu Louis. Isa issa ghidilna ....

FRANCOIS Louise! Poggi bilqeda u stenna trid?

~~LOUISE Kif nistenna? Naf li intkom ma thossu xejn ta' l-gebel jew?~~

LOUIS Ara nahseb li ahjar tpoggi bilqeda tafx issa .... tghidilna kollox .... imma trid ftit tas-sabar, heqq.

JEANNE Allura nghid .... biex nghin 'il Bernardette? (*Louise tpoggi*).

LOUIS Dejjem ghandek tghin il-proxxmu tieghek. (*Jeanne tersaq, bil-kuxjenza thabbatha*).

JEANNE Ghax .... ghax .... konna qed naqsmu x-xmara - harisna lura biex naraw Bernadette kenitx gejja warajna immama kenitx, kienet .... kienet gharrkuptejha bil-kuruna ....

LOUISE U b'daqshekk? .... b'daqsekk ma gara xejn ta' ....

FRANCOIS (*Iwaqqaf 'il Louise*): Kompli.

JEANNE Ahna sejjahnilha imma ma wegbitx. Imbaghad staqsietna jekk konniex rajna 'l xi hadd, u meta ahna ghednilha li ma konna rajna'l hadd hi qaltilna li ma gara xejn u geghelitna nweghduha li ma nghidu b'xejn 'il hadd.

LOUISE U mela allura, jekk dak kollox, ma nafx ghala dan l-ghagha kollu allura ma .... (*Bernardette fil-bieb. Tieqaf hemm bla hadd ma jilmahha, tisma'.* ~~Bernardette tqum bil-wieqfa u timxi pass lura b'rasu mdawra lejn Bernardette~~).

FRANCOIS Ara ha naraw sew. Intom kontu qrib ix-xmara? ....

JEANNE Hdejn l-ghar ....

FRANCOIS L-ghar ta' Massabielle?

JEANNE Iwa, u kien hemm l-ghadam fuq in-naha l-ohra, u jiena nzajt iz-zarbun u tfajthom in-naha l-ohra .... u harisna lura .... u ahna ....

LOUISE Ahna? ....

JEANNE Toinette u jien .... Bernardette kienet qed twaddab il-gebel .... fl-ilma.

LOUISE Tixhet il-gebel?

JEANNE Biex tara jekk kienx baxx bizzejjed .... biex taqsam .... bla ma jkollha ghalfejn terfa' d-dublett .... Qaltilna li ma kellniex ghalfejn - imma l-ilma kien jasal sa rkuptejna .... (*Bernadette tghamel pass ghal gol-kamra hekk kif Toinette tidhol tigri minn hdejha u tmur sa hdejn Louise*).

TOINETTE Ma bilfors ikolli mmur norqod? .... Issa.

**LOUISE** Bil-kwiet! (*Tpogi 'l Toinette fuq hogorha*).
**JEANNE** (*ihares lejn Bernardette*) Ahfirli .... Bernadette. Tassew li jisghobija. Kelli bilfors nghidilhom, veru li kelli. Naf li weghedtek imma ma .... stajtx.
**BERNADETTE** Ma gara xejn (*Tmur hdejn il-fuklar u tieqaf hdejh migbura fiha nfisa*).
**TOINETTE** Qaltilkom kemm kien kiesah l-ilma? .... ah kiesah silg.
**LOUISE** Jekk trid tibqa' hawn int ghalaqlu u x'gara mbaghad?
**JEANNE** Toinette u jien bqajna sejrin. Imbaghad dorna biex inharsu u rajnieha - Bernadette - gharrkuptejha bil-kuruna tar-ruzarju f'idha.
**TOINETTE** Inti ghajjartha "najxa najxa" .... ghedtilha "Int ghal xejn m'int tajba hlief biex titlob."
**JEANNE** Imma ma ridtx nghid hekk, Bernadette, veru li ma ridtx.
**LOUISE** Da zgur li le. Kompli.
**FRANCOIS** (*Iqum*) Hmerijiet - u ghax ma naqtghux dal ...
**JEANNE** Sejahnilha imma donnu li ma semghatniex. Ma wegbitniex, u mbaghad jien tfajt gebla. Ma ridtx nolqotha, tfajtha biex thares lejna imma .... ma ccaqalqitx ....
**FRANCOIS** Trid tghid li l-gebla laqtitha u ma tharkitx?
**JEANNE** Hekk jidhirli.
**FRANCOIS** Fejn?
**TOINETTE** Fuq spallitha. Kienet gebla kbira tafx. Jien rajtha. Kieku jien kont ninfexx nibki. (*Francois idur fuq Bernardette u jnezzala l-qmis biex jara spallejha, l-ewwel dik tal-lemin, imbaghad dik tax-xellug.*)
**FRANCOIS** Louise ..... (*Louise tqeghed lil Toinette fl-art u tmur tara*).
**LOUISE** (*minn taht l-ilsien*): Ommna tal-hniena. Gib l-hawn ha nidlikilha xi haga .... Ghax m'ghedtilnix mill-ewwel, x'hin gejtu?
**BERNADETTE** Le (*Tinqala' minn maghhom*).
**FRANCOIS** Halliha bi kwietha ghalissa. Ma se jigri xejn; m'hemmx qsim.
**JEANNE** (*Kif tghaddi minn hdejha*): Ma ridtx inwegghek Bernadette, taf li ma ridtx hux.
**BERNARDETTE** Da zgur. M'ghandi xejn.
**LOUISE** Francois, x'qed jigri? Jien m'jien nifhem xejn.
**JEANNE** (*Lil Bernadette*) Tahfirli hux ghax wegghajtek hux? U ghax ghedtilhom?

BERNADETTE M'hemm xejn x'nahfer. Ma gara xejn ma jimpurtax.
TOINETTE Ghidilhom fuq it-tfajla.
LOUISE Tfajla? Xi tfajla?
FRANCOIS Ma' semmejtu l-ebda tfajla s'issa.
JEANNE Ghidilhom x'ghedtilna, ghidilhom. (*Bernadetted tibqa' siekta*).
LOUISE X'qaltilkom Jeanne?
JEANNE Meta lahqitna .....
TOINETTE Qalet li l-ilma ma kienx kiesah, allavolja lili ....
FRANCOIS Xxxx!
TOINETTE Kelna noqghodu bilqeda u nghorku saqajna sew daqs kemm kienu keshin .... ah!
FRANCOIS (*Jghajjat*): Se tiskot int?
TOINETTE (*Bezghana*) Iwa sa ....
FRANCOIS (*Lil Jeanne*) Fejn iltqajtu ma dit-tfajla?
JEANNE Ahna ma ltqajna ma hadd. L-anqas biss rajnieha ahna. Kienet Bernardette .....
FRANCOIS (*Lil Bernadette*) Int rajt tfajla?
BERNADETTE Iwa (*kull darba li tahseb dwar is-sinjura wiccha jixghel*)
FRANCOIS Xi hadd li taf?
BERNARDETTE (*B'rasha bil-kemm tinstema*) Le.
FRANCOIS Ma tafx min kienet?
BERNADETTE Le.
LOUISE U l-ohrajn ma rawhiex?
BERNADETTE (*Ittighhom daqqa t'ghajn*). Le.
FRANCOIS Int rajtha u huma ma raw xejn?
BERNADETTE Iwa
FRANCOIS Imm' int kont maghhom meta rajtha?
JEANNE Ahna ga konna fuq in-naha l-ohra tax-xmara. Imma ma kien hemm hadd, ma rajna l-hadd .... zgur.
BERNADETTE Kienet fil-ghar - il-fuq fil-gholi. Smajt ir-rih fil-frieghi tas-sigar u kienet hemm (*qed terga' tghix dan l-istaghgib*).
FRANCOIS X'qaltlek dit-tfajla?
BERNADETTE (*wara ftit*): Xejn.
FRANCOIS Ma tkellmitx?
BERNADETTE Le.
FRANCOIS X'ghamlet mela?
BERNADETTE Tbissmet.
FRANCOIS Tbissmet? Dak kollox? (*Bernardette siekta. Francois jaqsam sa hdejn Louise u jtella spallejh*)
LOUIS ([redacted]): Bernardette, dit-tfajla, kienet .... sabiha?
BERNADETTE Iwa, iwa!
LOUIS Spjegali. Ghidli, ghini naraha!
BERNADETTE (*Tmur hdejh*): Iva nannu. Inti tafu l-ghar hux ....
LOUIS Il-grotta konna nsejhulha. Iwa niftakar. U l-fuq hemm bhal dahla zghira .... il-gewwa ....
BERNADETTE Hemm kienet hi. Fil-gholi - il-fuq - fejn hemm l-ghollieq. Ghorokt ghajnejja bosta drabi - imma hi baqghet hemm

fuq titbissem. Nahseb li rieditni nersaq qrib - imma m'azzardajtx niccaqlaq.

LOUIS M'azzardajtx

BERNADETTE Da zgur li le (*prattika*). Ghax .... ghax ghedt titlaq.

LOUIS U x'kienet liebsa?

BERNADETTE L-abjad .... l-abjad. Kollox kien abjad.

JEANNE Lilna ghedtilna li kellha terha kahla int.

BERNADETTE Terha kahla, iwa. U kien hemm xi deheb ukoll, - il-katina tal-kuruna tar-ruzarju taghha - u f'saqajha .... Imma, Nannu, nannu dik it-tbissima taghha!

LOUIS Nizzik hajr Bernardette,nizzzik hajr.

BERNADETTE (*Ferhana*) U tridni nerga mmur .... ukoll.

FRANCOIS Int m'ghedtx li ma kelmitekx?

BERNADETTE (*bla ma twiegbu*): Naf .... Naf f'qalbi. U fuq saqajha nannu .... kien hemm il-ward. Zewg wardiet sofor. Ghall-ewwel l-anqas is-salib ma stajt inrodd. Idi 'bbieset.

LOUISE Francois rekwiem eterna .... Min jaf forsi xi ruh fil-purgatorju.

BERNADETTE Le, le ma .... Ghal mument bzajt veru, imma mbaghad tant kien hemm dawl madwarha, u tant kienet sabiha .... u meta s-sinjura raddet is-salib, jien ukoll raddejtu - maghha.

LOUIS Is-sinjura!

LOUISE (*Tmur fuq Jeanne*): Jeanne! Louis! Ara ma jfettlilkomx titnifsu fuq dak li qed tissimghu tafx. Qed tifhmu? Ara l'anqas kelma wahda biss, ftehemna! Issa tmur torqod u s'ghada jghaddilha kollox .... din. Imma nitlobkom f'gieh kemm hemm ar ma titnifshux! Ara biss! ....

JEANNE Le madam Soubirous jekk int trid ....

LOUISE Issa mur id-dar. Jeanne, isa malajr. (*Jeanne u Francois johorgu*). U inti nannu ma rridx inkeccik imma halliha f'idejna din. Tara jghaddilla kollox. Niehdu hsieb taghha ahna. Issa torqghod raqda u tara s'ghada kollox ikun ghaddielha .... Kollox.

FRANCOIS (*Imur hdejn Louis*) Ahjar tmur. Il-madam ....

JEANNE Bonswa madam Soubirous. Bonswa mm'sier.

LOUISE Bonswa.

FRANCOIS Bonswa. (*Imur hdejn il-bieb*).

LOUIS Mamsell timxi mieghi sa tarf l-isqaq?

JEANNE Da zgur nann. Il-lejl it-tajjeb, Bernardette. (*Jeanne tohrog*).

LOUIS ([redacted]): Nizzik hajr binti. Imlejtli qalbi bil-hena .... b'hena kbira. ([redacted]). Is-sinjura liebsa l-abjad - terha kahla - u ward isfar - Is-sinjura liebsa l-abjad.... [redacted].

LOUISE (*lil Toinette*): Issa inti sarlek il-hin Toinette. Mur orqod u tghamilx hoss.

BERNADETTE Ha nohodha torqod jien, Ma.

LOUISE Le! Le int ibq' hawn. (*Twaqqafha u tmissilha rasha*).

FRANCOIS Halliha Louise. (*Louise u Francois iharsu lejn xulxin*).

M'hu se jigri xejn.

LOUISE Sewwa mela. Haffu. U jekk tqajmu s-subien indendilkom Haffu issa. (*Bernardett tohrog. Francois ipoggi)*
TOINETTE Il-lejl it-tajjeb ma.
LOUISE Il-lejl it-tajjeb (*tmur tixghel il-lampa)*
TOINETTE (*Tmur hdejn Francois)* Il-lejl it-tajjeb pa.
FRANCOIS (*jerfaghha)* Toinette.
TOINETTE Haw pa.
FRANCOIS Qaghadt bil-ghaqal illum ?
TOINETTE Iwa pa, gibt hatab.
FRANCOIS U mela mur orqod u ara li tohlom dwar il-hwejjeg sbieh kollha li tixtieq taghmel.
TOINETTE Nista' nohlom dwar il-pupa li rajt?
FRANCOIS X'pupa hi din ....eh?
TOINETTE Pupa kbira, kbira hafna.
LOUISE Dik rajinha l-gimgha l-ohra flimkien...f'hanut.
TOINETTE Kienet tiftah halqa u tghalaq ghajnejha u tghid "ma"
FRANCOIS Iva tista' tohlom fuqha. Issa qalfat 'l hemm. (*jibghata)* Ooop-la!
TOINETTE (*ferhana)* Bonsoir.
(*Toinette tmur tigri gewwa)*
LOUISE Xxx! bil-mod. (Iggib il-lampa fuq il-mejda)
FRANCOIS Dak li kapaci nghatihom jien, holm.
LOUISE Nittghama li m'ghandha xejn.
FRANCOIS Toinette?
LOUISE Le l-ohra. Din mnejn qalatha issa?
FRANCOIS Kellha xi hajta deni tghid?
LOUISE Le ma hassejthiex tahraq.
FRANCOIS Mhux l-ewwel darba li xi hadd ra.. xi dehra.
LOUISE Dehra ! Int tahseb li kienet ... dehra? ...mis-sema.
FRANCOIS Minn fuq jew isfel - fejn naf... ma nafx jien. Ma nifhimx f'dawn l-affarijiet jien.
LOUISE Min jaf forsi ahjar inkelmu lil kurat xi tghid.
FRANCOIS Int tahseb li ta' min jistaqsih?
LOUISE Ma nafx .. jekk nithadtu dwar dan kollu barra min hawn...
FRANCOIS X'hiex?
LOUISE Heqq, mintix tara li din qisha xi sigriet, xi haga ta' misthijja.
FRANCOIS Tkabbarhiex.
LOUISE Heqq hekk hu. Ga hemm x'uhud li jahsbu li mhux f'sikkitha.
FRANCOIS Hmerijiet. Ghandna tifla twajba. U ta' qalb tad-deheb. Int dejjem fdajtha u hi qatt ma dahqet bik.
LOUISE Iwa imma daqs kemm hi ratba, u ma titghallem xejn u .... Tghid veru li rat dak li qed tghid li rat ?
FRANCOIS Smajtha x'qalet int le?
LOUISE Iwa imma tghid veru li kien hemm sinjura?
FRANCOIS Jekk kien hemm, l-ohrajn ma rawhiex.
LOUISE Tghid kienet qed tisthajjel biss mela?
FRANCOIS Jew id-dawl forsi qarraq biha... minn jaf ix-xemx tleqq fl-ilma, dell, donnhu xi speci ta' raggiera...
(*Louise tersaq lejn il-kamra ta' gewwa)*

**LOUISE** *(Issejjah bil-mod)* Ejj' hawn x'hin torqod Toinette. *(Tmur 'lura)* Erga kellimha ftit int trid ?
**FRANCOIS** Jekk tehtieg!
**LOUISE** Int missierha; dmir tieghek *(tpoggi)*
**FRANCOIS** X'naqbad nghidilha?
**LOUISE** Staqsiha. Staqsiha jekk veru ratx il-xi hadd.
**FRANCOIS** *(B'sarkazmu)* Ah, facli. Nistaqsi erba' mistoqsijiet u nsir naf kollox.
**LOUISE** Staqsiha terga tighdlek is-sinjura kif kienet... u jekk did darba jkunx hemm xi haga differenti nkunu nafu li qed taqla minn zniedha.
**FRANCOIS** Int taf xi trid tistaqsiha, ghax ma ssaqsihiex int?
*(Tidhol Bernadette. Gabet ix-xall t'ommha, tmur fuq omma u tqeghdulha ma spallejha. Louise thares lejha. taqbad id Bernadette u tqeghdilha ma haddejha.)*
**LOUISE** Bernadette Binti .... Din it-tfajla, dis-sinjura...din....din...x'kienet?
**BERNADETTE** Ga ghidlek, ma m'hemm xejn aktar milli ghedlek. *(tmur bejniethom)*
**LOUISE** Imma int zgura li rajtha?
**BERNADETTE** Iva zgura.
**FRANCOIS** X'kienet tfajla jew sinjura?
**BERNADETTE** Sinjura - nahseb.
**FRANCOIS** Int l-ewwel ghedt li kienet tfajla.
**BERNADETTE** Iwa?
**FRANCOIS** *(Ferhan)* Hemm hekk qed tara!
**BERNADETTE** Kienet zghira...imma...
**LOUISE** Imma x'hiex?
*(Bernardette tiskot, forsi qed tipprova tiftakar)*
**FRANCOIS** Ara, binti erg' ahsibha ... ma jistghax ikun li ghajnejk kienu qed iqarqu bik? Jew forsi ghal mument, minn jaf, irqadt? Iwa hekk gara - ghal waqt wiehed ma kontx imqajma, u hlomt...
**BERNADETTE** Le, pa.
**FRANCOIS** Xi imindaqqiet holma kapaci tkun tidher vera, u mbaghad wara ma nkunux kapaci ngharfu, jekk, gratx, jew le.
**BERNADETTE** *(Iddizappuntata kwazi kwazi ddisprata)* Tassew? *(Thares minn wahd' ghall-ohra)*
**LOUISE** Missierek ghandu ragun, taf binti. Dik kienet holma.
**BERNADETTE** *(soghbiena)* Hekk kienet ?
**FRANCOIS** Da zgur li hekk kienet. Ahna ngharfu li int ma ridt taghmel deni l'hadd, u nahfrulek....
**LOUISE** Imma hadd iehor forsi ma jarax dal-hwejjeg bhalna, u mhux sew jekk toqghod ixxandar dawn l-istejjer' il-hadd iehor. Malajr iwassluk f'hafna ghawg, taf int.
**BERNADETTE** Ah le. Zgur li m'hix ser tghamilli hekk.
**LOUISE** Bernardette ma kien hemm l-ebda sinjura.
**BERNARDETTE** *(Tobdi)* le, ma
**LOUISE** Jehtieg li temminni, jetieglek... jekk jghogbok *(Bernardett tibqa siekta)*

**FRANCOIS** Ma tridx tara 'l ommok u l-missierek ibaghtu minhabba fik hux? minhabba f'xi haga li tkun ghamilt int hux?
**BERNADETTE** Ah, le Papa.
**FRANCOIS** U mela jehtieg li dan kollu ninsewh u ma ssemmi xejn qatt aktar. Qed tifhem?
**LOUISE** Issa mur u orqod. Orqod raqda sew u nittamaw li sa filghodu tkun insejt kollox.
**BERNARDETTE** Iwa ma.
**LOUISE** Sa dat-tant missierek u jien nitolbu ghalik thabbilx rasek.
**BERNADETTE** Grazzi *(Taqsam ghal kamra ta' gewwa)*
**LOUISE** Bernadette.
*(Bernadette tieqaf u ddur wiccha lejhom)*
Mhux ser tixtieqilna l-lejl it-tajjeb lili u l-missierek illum?
**BERNARDETTE** Il-lejl it-tajjeb Ma, Pa il-lejl it-tajjeb.
*(Bernardette tohrag)*
**LOUISE** *(Mifluga)* Sewwa mela dak kollox. Ejja mmorru norqdu Francoise . *(Tqum u tqeghed is-siggu taghha fil-gemb)* Deherli jien li ma kien hemm xejn x'ninkwetaw. It-tifla ghajjiena u probabbilment xi kemm kemm ma tifalhx.
*(Jithejjew biex jorqdu fl-istess kamra)* Irridu naraw inkunu nistghu nibghatuha x'imkien. Min jaf forsi s'ghand ohtok? Imma issa dan bizzejjed ghallum. Nieqfu hawn.
**M.LACADE** *(minbarra)* Hawnhekk? *(mistghageb)* Hawn joqghodu? x'tistenna minn nies hekk. Int stenna hawn.
*(Ihabbat il-Bieb u bla cerimonji jifthu Lacade jidhol donnu rritat)*
**M.LACADE** Minn minkhom Soubirous ? *(Lil Francious)* Inti Soubirous?
**FRANCOIS** X' l-imniefah.....?
**M.LACADE** Ara ifhimni naqtghu il-paroli. Int Soubirous? Wegibni iwa jew le.
**FRANCOIS** U kieku biss? Int x'tindahal? Int min int?
**LOUISE** *(tmur fuq Francois izommu)* Francois ! *(lil Lacade)* Ahfirlu lir-ragel sinjur, ghajjien konna ser norqdu. Jekk joghgbok ghidilna xi trid mbaghad itlaq.
*( Lacade ihares bi stmerrija lejn il-friex u jdur mieghu donnu se jekk jahabat jitniggez, jersaq lejn nofs il-kamra. Francois ikun ser jihbat ghalih imma Louise izzommu)*
**M.LACADE** Din x'jien qed nisma?
**LOUISE** Fejn nafu ahna sinjur? x'hiex?
**M.LACADE** Ara ma tasbux li ser nerhi dal hemrijiet u dad-dagha jien? Tafux
**FRANCOIS** Ma nafx xi trid...
**M.LACADE** Taf, taf x'irrid sew. U jaf ir-rahal bi hgaru s'issa ukoll. Dak it-tallab l-ghama qal ' il-kulhadd. Imma issa ghal-lejla daqshekk mhuwiex ser jaql' aktar minn zniedu. U binkom bhalu jigrilha - tispicca l-habs hi ukoll, jekk ma taghrafx iggib ruhha ta' nies. Dehriet, Vizjonijiet mis-sema - huxhekk ?!
**LOUISE** Ah le!
**M.LACADE** Nahseb li zerzaqtulu xi haga hux hekk.. biex iharref dil-hrafa hux hekk?....

**FRANCOIS** Jien ma nafx x'qed ixandar mar-rahal Louis, m'ghandu l-ebda dritt...
**M.LACADE** M'inix ser nittollera dan l-agir hawn f'Lourdes tifhmu! Ser tichdu kollox mill-ewwel.
**LOUISE** Da zgur sinjur, li nichdu. Bernadette tifla twajba. Hasbet li rat xi haga, imma issa kkonvincejniha... serrah mohhok...
**M.LACADE** Issa mhux lilha tridu tikkonvincu; issa, 'l dawk kollha t'hemm barra. Misskhom tisthu minnkom infuskom.
**FRANCOIS** (*Ihebb ghalih*) Ara din ser naqtaghuha...
**LOUISE** (*Izommu*) Ahna, sinjur m'ghamilna xejn hazin.
**M.LACADE** (*Juri li qed jitqazzez ghax Francios qed hdejh*) Ara mieghi ma toqghodux tilghabuha ta' l-innocenti tafux. Tahsbu intkom li jien daqshekk bahnan li ma narghafx x'loghoba hi din? - dal-qerq -(*Jizzufjetta*) M'ahniex kapaci naqilghu sold bis-sewwa mela halli l-bintna tara u naqilghu sold bid-dnewwa.... u nsiru sinjuri anke ....
**FRANCOIS** (*Jerga' jhebb ghalih*) Aqbez il-barra minn hawn.
**LOUISE** (*Izommu*) Francois ma taghmel l-ebda gid hekk...
**FRANCOIS** Tassew li forsi ahna foqra, imma jekk inti tahseb li ntlaqt tant fil-hama - li waqajt tant baxx li nuza l-binti hekk....(jieqaf)
*(Bernardette tohrog. Jieqfu lkoll u jahrsu lejha)*
**M.LACADE** (*sieket issa*) Inti it-tifla?
**LOUISE** Wiegbu lis-sinjur Bernadette tibzax.
**M.LACADE** Halluha f'idi.
**BERNADETTE** Dak li qed jghidu minnu. Jien ghidtilhom ma jghidux, imma li qed jghidu kollu minnu.
**M.LACADE** 'Il-minn rajt?
**BERNARDETTE** Sinjura.
**M.LACADE** U x'tip ta' sinjura tahbat din, tahseb int,... min hi dis-sinjura tal-gherien?
**BERNARDETTE** Sabieha
**M.LACADE** X'ghandu x'jaqsam ? Min kien hemm mieghek ?
**LOUISE** Ohtha u Jeanne Abadie
**M.LACADE** U huma rawha 'l din ukoll - dil-fantazma?
*(Bernardette ma tghidx xejn)*
Rawha?
**BERNADETTE** Le
**M.LACADE** Hekk. Qed taraw ! (*Issa b'lehen helu*) Ara ersaq 'l hawn binti.
*(Bernardette tersaq)*
La tibzax. Mhux tort tieghek. Xi hadd qed igeghelek tithaddet b'dal-mod hux veru? Ghidli l-verita', din kollha loghoba hux tassew? Ghidli u ninsewha eh!!
**BERNADETTE** Jien tlabthom ma jghidu xejn lil hadd, imma..
**M.LACADE** Sewwa mela. Ghada tigi sa l-ufficcju tieghi mela u tiffirma ic-cahda eh?...
**LOUISE** Ghada tkun hemm l-ewwel haga filghodu. Ahna ma rridux inkwiet ta' xejn sinjur.
**BERNADETTE** Le mama ggeghelnix. Nitolbok!
**LOUISE** Imma binti....
**BERNARDETTE** Ma nista' nichadha qatt lis-sinjura tieghi.
**FRANCOIS** Naghmlu mezz li zgur nigu ghada sinjur.

**BERNARDETTE** Tridni mmur lura.
**M.LACADE** *(B'lehen kalm imma mili nkwiet)* Min iridek tmur 'lura? Fejn?
**BERNARDETTE** Sinjur.... is-Sinjura.
**M.LACADE** *(minn bejn xoftejh)* Mhux qabel ma narak fl-habs imma
**FRANCOIS** Int ara kif titkellem int....tifhem....
**M.LACADE** Inti zomm 'il bintek boghod mill-inkwiet, ghax isib ruhek il-habs ukoll.
**LOUISE** *(Lil Francois)* Ha nkellmu l-kurat.
**M.LACADE** Il- kurat ! Tghid mhux ser ihalli bicca ta' tifla taghmel tejatrini mill-knisja? Halli f'idi ibqa zgur li nghidlu b'li gara, thabbilx rasek. U inti tersaqx lejn dak il-post, tifhem!?
**BERNARDETTE** *(Tobdi)* Sinjur, iva
**LOUISE** Halli f'idejna minn daqsekk.
**FRANCOIS** *(lil Louise)* Nibghatuha Bartres s'ghand zijitha
**BERNARDETTE** Le papa *(statment of fact)*
**FRANCOIS** Xi trid tghid biha, le ? Int taghmel dak li nghidulek ahna.
**BERNARDETTE** *(fatt)* Is-sinjura m'hix ser thallikom.
**M.LACADE** *(jirrabja)* M'hemm l-ebda sinjura! U li kieku kien hemm, kif jidhirlekli kapaci twaqqaf ' il-missierek din, eh?
**BERNARDETTE** Ma nafx. Forsi ....ggeghel il-papa jibdel fehmtu.
**FRANCOIS** U ghala ghandi nibdel fehmti jien?
**BERNARDETTE** *(Bir-ragun kollu)* Li kieku tibghatni Bartres, kieku jkoll boghod wisq biex nimxi lura sal grotta.
**M.LACADE** (Jitlef it-tempra) Alla jtini s-sabar! Binti inti m'intix ser terga tmur lejn il-grotta; anke li kieku stess ikolli nuza kull puluzjott 'l ghandi jahdem Lourdes biex nghalaq il-post.
**BERNARDETTE** Sinjur Imma jekk is-sinjura tghidli....
**M.LACADE** *(B'pacenzja esagerata)* Jekk is-sinjura tghidlek, se jkollok ma tobdix, daqshek, dak kollox.
**BERNARDETTE** Sinjur li kieku rajtha int, kieku ma tkunx kapaci qatt ma tobdix.
**M.LACADE** Sewwa mela, jien ma rajthiex, u m'hemm l-ebda sinjura, mela m'hemm l-ebda xkiel.
**BERNARDETTE** Sinjur, la int tahseb li m'hemm l-ebda sinjura, ghala taraha daqshekk bi kbira jekk jien nerga' mmur hemm?
**M.LACADE** *(B'rabja)* Ghada filghodu gibha fl-ufficcju tieghi il-din. *(jasal sal bieb, idur u jur il-ponnijiet)* Ser tbaghti.... ser tpattuha din.

Madre Josephine Imbert
Lucianne Zerafa

[redacted]



# IT-TIENI ATT

Xena : Xi gimgha wara fl-istudju tar-REVERENDU is-sinjorina Leclerc qed tfarfar. iddoqq il-qanpiena tal-bieb.

MME.LECLERC Xi hadd iehor ! Iwa, iwa gejja.

*(tfarfar taht mazz karti u tqeghdhom f'posthom)*

*(iccempel il-qampiena)*

Iwa ! Iwa ! gejja, x'int mghaggel hej. Stenna ftit, gejja. Hawn ghandi hwejjeg aktar importanti x'naghmel barra niftah u nghalaq il-bieb tafx.

*(Terga tfarfar taht xi kotba)* Jekk ir-reverendu ma' jsibx il-brevjar meta jigi 'l ura, b'rasi jdur. *(Taqbad il-ktieb u tixhtu x'imkien fejn jidher bla ebda qima ta' xejn).*

*(Qanqiena t-tielet darba)*

Doqq ! Doqq ! Doqq! Min tahseb'l int? *(tfarfar il-ktieb fuq fuq)* Li kieku r-reverendu kien qed jitlob, kieku malajr iqalftek il-barra int minn int, hemm.

*(Sa' dal hin tkun ga telqet lejn il-bieb ha tiftah. Mument wara tigi 'l ura b' LACADE' warajha. Is-sindku jidher pompuz aktar mis-soltu, ghaggieli u eccitat)*

Ghaddi hawn. *(Tmur ghad-duster)*

Ir-reverendu Peyremale daqt jasal. .

M.LACADE Hemm barra qieghed. ? Fil-gnien ? *(Donnu jaghmel biex johrog)*

MME.LECLERC *(Toqodlu fin-nofs)* Li kont minnek jien ma kontx niff'ttah.

M.LACADE Mghaggel. Dil-affari urgenti.

MME.LECLERC Ma tantx jghogbu min idejjqu bhal dal-hin monsieur.

M.LACADE U jien ma tantx jghogobni nistenna lanqas.

MME.LECLERC Mela Kif jghogbok monsieur, ser jirrabja ; u meta jitilghawlu ma jirragunax. Jekk gejt titolbu xi haga ahjar tistenna bis-sabar.

*(LACADE` jcedi)*

M.LACADE *(rrabja)* Jiena ma nitlob xejn il-hadd.

MME.LECLERC *(tmur lejh)* Nissoponi gejt hawn minhabba ta' Soubirous.

M.LACADE Gejt hawn, sinjura minhabba fi hwejjeg li jirrigwardjaw lili.

MME.LECLERC Kulhadd gej minhabba ta' Soubirous. U kollu ghalxejn jahasra. Hadd qatt ma jiehu xejn minnghandu.

M.LACADE *(idur)* Xejn ? u fejn tafu dan int? Jaqaw issamar widnej mat-toqba tas-serratura waqt it-tahdit?

MME.LECLERC Jiena nkun, monsieur li nurihom il-bieb ta' barrameta jitilqu; u monsieur naralhom wicchom. Barra minhekk r-reverendu, jahasra nkwetat ferm. *(Tmur hdejn l' skrivanija)*

M.LACADE Li kieku kellek terfa r-risponsabbilta' taghna, kieku anke int tkun inkwetata

MME.LECLERC U monsieur li kieku inti kellek iggorr tieghi, kieku ga mejjet. Ipprova hu hsieb lil dun Peyramale gimgha wahda bil-ghadd u tara. ~~Jiena ili nahdem mieghu ghoxrin sena w fuqhom issa.~~ Kos hux, ghax tghid, kif bicca ta' tfajla kapaci tharbatlek parrocca shiha hux. u tfajla marradija wkoll biex taghqad. Rajta b'ghajnejja jien meta jkollha l-affaan u ma tkunx

tista' tiehu nifs, rajtha tissielet u tithabat ghan-nofs; u wara li tmur izzur dik il-grotta, wara, xi mindaqqiet tinxtehet mintula bla sahha u sfinita....sieghat twal tinxtehitlek....

**M.LACADE** *(nervuza)* Int mort, mela il-grotta?

**MME.LECLERC** Jien dejjem immur meta nkunu nista'... bhal ma mmur ghand ta' Soubirous ukoll.

**M.LACADE** Kont nistenna li r-reverendu jordnalek biex ma tersaqx 'l hemm lilek.

**MME.LECLERC** Jordnali ? Ir-reverendu? *(Jidhaq)* Mela jien qed tisthajjilni xi wiehed mill-kurati li jiedu hsieb taghhom. Ghidlu jipprova....ha-naraw.

**M.LACADE** *(Jersaq lejha; b'theddida)* mela allura nghatik parir li zzomm il-boghod minnhemm - ghal gid tieghekinnifsek. U ghid lil hbieb tieghek kollha ukoll. Qed navzak.

**MME.LECLERC** Monsieur inti lili ma tbezzghanix. X'tista taghmel? Ga ppruvajt tixhet il-dik it-tfajla 'l habs darbtejn....u kellek thalliha titlaq kull darba.

*(Lacade jersaq l'hemm b'irritazzjoni)* Int tahseb li l-hanin Alla ser jerhiha ssofri ghax qed tahdem ghalih.

**M.LACADE** *(Jdur)* Tahdem ghalih ! Kollha xorta wahda intkom in-nisa. *(jinxtehet bilqeda)* Dik it-tfajla qed tqarraq b'kulhadd. U kien hemm hafna ohrajn li kellhom vizjonijet u deheriet... kollha kienu nisa.... u mhux boghod minn hawn l-anqas.....u m'ilux wisq zmien l-anqas u kollha kemm huxa kienu qed iqarrqu bin-nies....kollha kemm huma kienu foloz....U dit-tfajla mhix xi eccezjoni.....lanqas.

**MME.LECLERC** Mhux ilkoll sinjur, mhux ilkoll. Meta tfajla bhal m'hi din tkun kapaci tisfida rahal shih mimli awtorita', zgur li bilfors hemm xi haga bli qed jigri. Kapaci int, bil-pulizija b'kollox, izzommuha boghod mill-grotta? Le ! Mela qatt ma rajtha hemm, int? Ghax jien rajtha... monsieur. Sabiha.... sabiha hafna; u l-grazzja li biha... Anke s-suldati nfushom li qlajt minn ma nafx fejn sinjur, ....Anke huma ssahhru. U l-ispettur nizel ghajrkuptejh.

**M.LACADE** Dik kienet.. dik kient mossa diplomatika. Biex ma joffendix il-migemgha - ghalhekk.

*(Jasal ir-REVERENDU. Ragel kbir donnu ors, goff, leader. LACADE` f'daqqa wahda jqum bilwiqeqfa.)*

**M.LACADE** Ah ! Monsieur L'Abbe`.....

**REV.PEYREMALE** Le.

**MME.LECLERC** *(Izzomm lir-Rev barra)* Ara naqra fliema sura tinsab. Ieqaf hemm. Ara ma jfettillekx tersaq 'l hawn gew.

*(Ir-Rev. jieqaf barra l-bieb sa mas-sa Leclerc tfarfru)*

***M.LACADE*** *Le? Xi trid tghid le?*

***REV.PEYREMALE*** Monsier le Maire, le biss.

**M.LACADE** Imma ghadek ma tafx...

**MME.LECLERC** Fejn kont ? Ara naqra wahda x'zarbun. (Iggib injama minn wara l-bieb u tnaddaflu l-qiegh taz-zarbun biha)

*(LACADE` jersaq 'l hemm)*

**REV.PEYREMALE** It-tigrib issa ghallimni li kull darba li inti tindirizzani b'Monsier l'Abbe tkun ser tistaqsini biex nghamel xi haga mpossibli. Allura qed niffrankalek ftit nifs u nghidlek le mill-ewwel.

**M.LACADE** *(idur fuqu)* Imma M. L'Abbe, il- haga issa....

REV.PEYREMALE Jehtieglek tiskuzani. Kif qed tara ghadni diehel mill-gnien u sa ma nitnaddaf m'jien fl-ebda qghada li niddiskuti xejn.
(Lacade jersa 'l hemm)
MME.LECLERC Kif jirnexxilek issir hekk ? Ghax ma timxix fuq il-gebel fil-gnien, mela tghaffeg fil-hamrija...
REV.PEYREMALE Inqatta hafna hin fil-gnien jien. Insibu ta' mistrieh liema bhalu.
*(Lacade jhares lejn l-arlogg)*
Qatt iltqajt ma' fjura li kapaci tinsisti u tibqa tinsisti bla mistrieh?
M.LACADE M'sier l'Abbe....
MME.LECLERC Hekk lest! Tista' tidhol gewwa.
*(Ir-Rev. jidhol u jibqa' wieqaf hdejn il-bieb)*
Ara ghalxejn qed tparla. Dak ma jisma' qatt il-hadd. Ili nhanbaqlu snin shah biex izomm il-post nadif u floku. Haga facli li kieku wiehed jipprova. Imma arah ! Qatt ma jisma' minn hadd....dak!
*(Sin. Leclec tohrog tparla)*
REV.PEYREMALE Issa M. Le Maire jekk jghogbok poggi bilqeda.
M.LACADE *(Bla ma jpoggi) M'sier L'Abbe`.*
*REV.PEYREMALE (imur wara l-iskrivinija)* Jiena jisimni Peyramale. Il-parruccani tieghi isejhuli il-Kurat jewid-Dun - ghalkemm lilek m'mhix ser nistennik issejahhli hekk da zgur - imma,jekk trid, ghazel. Poggi, poggi bilqeda u ha naraw x'qala l-bahar issa.
M.LACADE *(Jibqa' bilwieqfa)* Dit-tfajla...jehtieg li naraw x'senghamlu biha.
REV.PEYREMALE Dit-tfajla? Xi tfajla?
M.LACADE Ta' Soubirous kin aktar. Jehtieg li tghamel xi haga.
*(Jipipassiga)*
(Ir-rev. idoqq qanpiena zghira)
X'qed idoqq?
REV.PEYREMALE Mhux int tlabtni nghamel xi haga.
*(Tidhol is-sa Leclerc)*
L-inbid jekk joghogbok *(ipoggi wara l-iskrivanija)*
*(Leclerc tohrog)*
Poggi bilqeda, trid f'gieh kemm hemm. M'intx ser tghin ruhek u zzomm ir-rahal fl-ordni billi toqoghod tipassiga l'hawn u 'l hemm it-tapit tieghi, tafx.
M.LACADE Ezatt kliemek. In-nies taghna hawn f'Lourdes qed jisfrattaw. Id-dixxiplina tieghi issa waslet sa l-qiegh nett. Issa jmiss lilek.
REV.PEYREMALE *(B'forza)* Poggi bilqeda.
*(Lacade ipoggi. Is-S. Leclerc tidhol bi flixkun inbid, tqeghdu fuq il-mejda u tohrog)*
*(Filwaqt lijferra')* Int qatt tlajt tippridka? Fuq il-pulptu?...
M.LACADE Le.
REV.PEYREMALE Xi darba messek tipprova. Minn hemm fuq wiehed ikollu dehera mhux hazin tal-migemgha. Ha nizgurak li wiehed ma jikollu bzonn ta' l-ebda memorja soda biex jgharaf li xi cittadin importanti jkun ilu gimghat shah ma jisma l-quddies. *(Itigh tazza)* Ixrob.
M.LACADE Taf kif nahsibha.

REV.PEYREMALE Naf kif tahsibha (*Jixorbu*) Kieku ghext kemmkemmaktar kmieni min daz-zmien, inti jew l-Inkwizizzjoni jew il-forka kienet tirbhek. Imma issa qed nghixu fi zmienijiet aktar moderni sfortunatament.
M.LACADE Ma nfx dan kollu x'ghandu x'jaqsam ma....
REV.PEYREMALE Ma tafx le? Int ghandek il-wicc tigi hawn u tipprova tghallimni d-dmirijiet tieghi ta' qassis. X'ghandi ghalfejn nisma' minn xi hadd li waqa fl-erezija jien? Ghidli.
M.LACADE Ma naafx kif issejjah erezija, it-twemmin fir-raguni u fil-gherf, nipréferi il-fatti konkreti milli l-fantasija u l-hrejjef.
REV.PEYREMALE Li kieku kont temmen f'Alla, kieku ma kontx tithaddet qatt b'dal mod!
M.LACADE Alla ! Alla x'ghandu x'jaqsam f'dan.
REV.PEYREMALE Kollox. Kull darba li naqa fin-nassa li ninsa x'sehem ghandu Alla fil-holqien, nohrog hemm barra fil-gnien tieghi, u nirrifletti kull miraklu,kull seher li ssib mohbi f'kull werqa...u mbaxxi ras.
M.LACADE Waqt li int b'rasek baxxuta ivvintajna hwejjeg li Allannifsu qas biss qatt holom...u l-anqas ix-xitan. Kif tahseb li jitmexx dar-rahal?... kif....
REV.PEYREMALE Mhux minghajr Alla zgur.
M.LACADE Jitmexxa fuqil-fatti konkreti, u fuq it-tigrib ta' hafna u hafna snin. Fuq l-esperjenza ta' nies - bhali.
REV.PEYREMALE Il-fatti konkreti li tant thobb isemmi forsi jghinuk hafna biex tmexxi r-rahal tieghek...veru; imma ma jiedux post il-knisja t'Alla - qatt ma jistghu ikunu f'lokha. U haga ohra, il-Kristjanita' mhux fuq hrejjef toqghod...le...il-kristjanita' mibnija fuq il-Fidi. Fuq il-Fidi, l-Imhabba, it-tama u l-Karita'. Li tkun nisrani tassew tfisser li tahfer dak li ma jinhafirx; li titama meta kull qalb tkun maqtugha; li thobb dak li m'ghandu l-ebdamhabba x'itik 'lura; u li zzomm il-fidi shiha f'dak kollu li haddiehor ma jemminx. Jghogbok dan l-inbid?
M.LACADE Da zgur eccelenti. Bis-sahha tieghek
REV.PEYREMALE Qlajtu minn ghand parruccan. Kien wiehed li kkonvinca lilu nnifsu li permezz ta' l-interecessjoni tieghi kien ser jirbah l-hena ta' dejjem fis-smewwiet. Jien dapparti tieghi kieku nistieq nemmen li forsi salvajtlu ruhu; tant fidi kien haqqa xi premju. Nixtieq li kieku nemmen, li lilek forsi kapaci nghinek tghalaq ghajnejk fil-fidi ukoll.
M.LACADE Nizzik hajr minn qalbi imma ghad m'ghandi l-ebda hsieb li mmut ghalissa.
REV.PEYREMALE Kliem, dak, tassew arroganti. Ahna lkoll kemm ahna nidimbu, u nitlob minn qalbi ghalik li meta tasal is-siegha tieghek tinghata gimghat shah ta' mard biex thejji fuhek - dan ghandek bzonn int; Imma ma naghtikx parir tafda f'dawn il-hwejjeg. Trid tkun imhejji biex tiltaqa' mal-Hallieq ma kull tektika ta' l-arlogg,peres li l-mewt kapaci ssejjahlek f'daqqa wahda, bla ma tavzak,... u l-mewt mhix imdorrija iccedi l-anqas....U qed niftakr, qed nistenna l-Madre minn Nevers. tafha?
M.LACADE Di zgur... smajt dwarha.
REV.PEYREMALE (*Idur*) Nevers hija d-dar ewlenijja tal-ospizju hawn.
M.LACADE Hemm tmurl-iskola, ....it-tifla?

REV.PEYREMALE Iva tlabtha tigi tkellimni dwar "it-tifla", kif qed issejhilha int,....tista' toqghod hawn jekk trid u tiltaqa' maghha.

M.LACADE *(iqum f'daqqa wahda)* Jehtiegli ninzel sal-grotta. Sa tkun hemm dik dalghodu....

REV.PEYREMALE Irrid ninsisti mieghek. Ibqa' hawn. Issa li fehmtek xi haga fuq fuq dwar il-virtujiet kristjani, issa ser ikollok ic-cans li tipprattikhom.

M.LACADE Tassew li jehtieg inkun hemm. Qeghdin nistennew folla kbira llum.

REV.PEYREMALE *(imur lejh)* Int gejt hawn biex tithaddet dwar Bernadett Soubirous u issa ghax, gejja l-Madre Superjura, trid tahrab tigri 'l hemm.

M.LACADE Jiena gejt hawn biex nitlob l-ghajnuna tieghek biex inzommu l-ordni fil-parrocca - mhux biex naqla kelma dwar il-problemi ta' ruhi. X'qed taghmel dit-tifla int, ghandek responsabbilta' dwaru daqs kemm ghadnijien - jekk mhux aktar ukoll. Jien ghandi dritt shih nistenna li tikkopera mieghi fil-kapacita' tieghi ta' sindku, anke jekk bhala individwi ma naqblux.

REV.PEYREMALE Ghandek kull ragun, da zgur. *(Idur)* Dik affari tieghi, u jiena nkwetat hafna fuqha...inkwetat bil-basta.

M.LACADE Mela allura jehtieglek li tuza s-setgha li ghandek. Jehtieg li twaqqaf 'l dan-nies kollha milli jmorru l-grotta m'sier l-Abbe`; aghmel li trid - heddidhom bl-infern jekk jidhirlek, jew ixtrilhom fehemthom b'li trid - zgur li l-knisja ghandha x' toffri - imma jehtieglek twaqqafhom.

REV.PEYREMALE Impossibli *(imur hdejn tieqa)*.

M.LACADE Huma l-parruccana tieghek. Minnek jisimghu. Jien ghamilt minn kollox. Ghamiltilhom il-hadid, wahhalt tabelli biex ma jixorbux mill-ilma; x'nista' naghmel aktar minn hekk? Int lanqas biss qatt mort il-grotta, int qatt ma rajt x'isterizmu jkun hemm fil-folla. ghall-ewwel kien jigu wiehed wiehed, jew tnejn tnejn, u issa minn mindu tfaccat in-nixiegha qed jigu bil-mijiet...folol shah. U jekk ma jsir xejn, ghandu mnejn li dalwaqt jibdu jigu bl-eluf.

REV.PEYREMALE *(kwiet)* M.Sier Lacade` naf, naf. Tahsibx li m'inhix ben infurmat minn x'qed jigri. L-anqas ilni gimgha li ma gietx hawn hi stess...dik it-tifla. U l-anqas ma kienet l-ewwel darba, l-anqas, li ltqajt maghha; giet hawn bosta drabi ohra ukoll; u dejjem zammejt iebes maghha, qatt ma ccedejtilha xejn; ippruvajt kemm il-darba nwaqqaghha ghac-cajt bil-kliem, u kemm il-darba waqaftli u ma rnexxilix. L-ewwel darba li giet, kienet imdehxa, imbazza, imma xejn ma zamma milli tghidli ghala kien li giet mibghuta hawn. Min dak in-nhar giet bosta drabi u kull darba giet b'inqas u b'inqas misthijja. Taf x'qaltli l-ahhar darba li giet ? Is-sinjura riedet li n-nies imorru Massabielle, f'purcissjoni, u biex ahna nibnu kappella hemm. Ok, jien kieku ghidilha li l-messagg messu ntbaghat lill-ispof; u ghidtilha li l-isqof biss seta' jordna purcissjoni kieku jrid u ghidtilha sahansitra lis-sinjura kienet zbaljat ghax bghatitha ghandi. *(Idur lejh)* U taf x'qaltli ? taf x'wiegbet? Li s-Sinjura ma kenitx qed titlobni naghmlu x'haga ghalissa, u li din kienet tama.. tama fil-gejjieni biss. Tghid kienet xi haga mhsuba din?

Jew forsi kienet is-semplicita ta' l-innocenza taghha? Jiex min jien biex niggudika? U ghala ghandi nkun jien li niggudika? Hemm haga wahda biss li naf ta' din ingorr misthijja kbira f'qalbi; 'l dik it-tfajla ghedtilha tmur 'l ura ghand is-Sinjura taghha u titlobha sinjal. Ghedtilha li li kieku kienet tassew min tghid li hi kieku l-blat u l-gholliew ta' taht riglejha jinfexx f'ward.

M.LACADE U tahseb li tistaqsiha?

REV.PEYREMALE Li jiena, qassis t'Alla, jiena li nghallem 'il hadd iehor kif jikber fit-twemmin... kelli naqa' biex nistaqsi ghal miraklu biex nikkonvinci ruhi (*Imur wara l-iskrivanija*)

M.LACADE Jien nahseb li int maghha.....izzomm maghha int.

REV.PEYREMALE Jien ma nzomm ma hadd hlief mal-knisja.

M.LACADE Hallejt bicca ta' tifla tghaddik biz-zmien.

REV.PEYREMALE Le.

M.LACADE Mel'allura ghax ma trid taghmel xejn. Missek ilek li gejt il-grotta. Messek ilek li tajt il-pariri tieghek lil merhla.

REV.PEYREMALE Nahseb li int ma tapprezzax bizzejjed il-posizjoni li jehtieg li niehu. Li kieku biss jien jew xi wiehed mill-qassisin tieghi, kellna nersqu lejn dik il-grotta; anke li kieku mmorru biex naraw; kieku mill-ewwel tidher li nkunu qeghdin inxandru mal-erbat irjiet li l-knisja qed temmen dawn l-istejjer.

M.LACADE Imma ma jistax ikun li ma tghatix kazhom.

REV.PEYREMALE Qeghdin nghatu kazhom. F'gieh kemm hemm f'gieh kemm hemm int tahseb li s-setgha civili biss tezisti li tmiss maghha int.. biss? Ara hawn, u hawn, u hawn - ara da d-dokumenti kollha, u dawn l-ittri ghall-Isqof u minghand l-isqof, u minghand qassisin minn kull belt, minn kull rahal, u minghand - minghand fitti u ohrajn kurjuzi - uhud sahansitra jemmnu li qed jaraw il-vizjonijiet ukoll. Kif tista tghid ma naghtix kaz!

M.LACADE L-ittri ma jwettqu xejn - il-kliem mhuwiex eghmil!

REV.PEYREMALE Meta tnizzel dak li tisthajjel, jew li tahseb-iswed fuq l-abjad bil-kitba - tkun qed ticcara hsibijietek u ...

M.LACADE U filwaqt li inti qed hawn bilqeghda ticcara u ddawwal l-imhuh, ir-rahal bi hgaru qed jitlef il-boxxla. Jum wara l-iehor ikissrulna l-barrikati; u l-gendarmi mhumiex kapaci jwaqqfuhom - sahansitra bl-ghajnuna tas-suldati....

REV.PEYREMALE Ma jidhirlekx li qed tuza l-knisja ghall-htigijiet zghar tieghek? Ahna mhux dmir taghna li nrazznu u nwaqqfu sakemm ma ngharfux li jkun hemm xi hazen tassew serju, u lanqas mhu dmir taghna li nbierku u nfahhru meta xi grajja ma tkunx wahda verament genwina. Sakemm ma nkunux ghadna ffurmajna l-opinjoni taghna dwar xi haga - nirrepeti l-opinjoni taghna kif jidhrilna ahna mhux kif jidhrilhom is-sindku jew l-ispettur tal-pulizija - ma hemm xejn li nistghu naghmlu. Qatt ghaddielek minn mohhok tnehhi l-barrikati kollha, u t-tabelli kollha u terhi is-sens komun?...

M.LACADE Jekk il-folla titlef rasha...

REV.PEYREMALE Skond ma tithaddet int, il-folla tilfet rashom Qatt waqaft ftit u hsibt naqra dwar x'jigri jekk Bernardette Soubirous fl-ahhar mill-ahhar qed tghid il-verita. Kieku l-mewg fuq mewg ta' pellegrinaggi li jsir, int kont twaqqafhom u trazzanhom daqs kemm Noe kien kapaci jrazzan il-ilmijiet tad-

dilluvju universali. Mill-banda l-ohra, jekk it-tfajla qed taqla minn zniedha - heqq, zgur li mhix ser tkun kakpaci tibqa tigdeb ghal ghomorha - xi darba jew ohra tinfaqa' l-buzzieqa u tinqabad, u kulhadd imur 'l ura lejn daru, u inti minn naha tieghek ikollok tiddefediha minn xi xeba` , u jiena minn naha tieghi ikolli niddefendilha ruha mill-hatfa tax-xitan. Ahseb daqxejn wahda.

M.LACADE (*Hosbien*) Pellegrinaggi! Int tahseb li n-nies ser tersaq lejn dawn l-inhawi?
REV.PEYREMALE (*iħares lejh*) Jiena m'jien qed naghmel l-ebda profezija. Imma gà bdew il-purcissjonjiet.
M.LACADE X'purcissjonijiet? Dik il-marmalja?
REV.PEYREMALE X'jimporta jekk jimxux wara xulxin jew le? Jekk ikun l-ispirtu qaddis li jqanqalhom... Dawn nies ta' fidi....
M.LACADE Allura qed tghid li d-dehra trid li tinbnielha kappella...
REV.PEYREMALE Le jien ghedt li dak kien il-messagg li wasslet Bernardette.
M.LACADE U tahseb int, tinbena dil-knisja?
REV.PEYREMALE Tinbena ? Tinbeniex? Habib, fejn naf jien: X'qed tahsbini xi profeta? Fejn naf - int mur Tarbes u staqsi 'll Isqof, mur Ruma u staqsi... Ara ismghani sew jien ma nafx xejn u ma nista nghidlek li xejn. Jekk did-dehera hija tassew tal-Vergni Imqaddsa, u jekk dil-povra tfajla jirrizulta li hija qaddisa, jien ma jimpurtani xejn ikunx hemm knisja wahda jew tlieta. Imma dawn il-hwejjeg ma niddecidihomx jien.
M.LACADE (*Kwazi bejnu u bejn ugu*) Dazgur. Min jigi ma pellegrinagg ikollna nsibulu fejn joqghod. Ghandna bzonn ta' lukandi (*lir-Rev.*) Inti tgharaf x'jista jfisser dan kollu ghal-Lourdes? Min hawn u hamsin sena ohra dal-kastell medjevali kapaci jsir belt kbira, b'ghaxart elet ruh jghixu fiha u bi dhul fenominali tat-turisti kollha li jigu. Ikollna ntejbu l-imfrastruttura - il-kanen tal-ilma - u l-kanal Savy ikollna nbidlulu d-direzjoni; ma nistghux inhallu dak it-tajn kollu quddiem il-grotta; ma jaqbillekx thalli li t-turist ixarrab saqajh. U bil-purcissjonijiet kollha li jkollna, nkunu nihtiegu triq kbira u wiesgha mhux hazin; iwa; iwa araha mill-punent tar-rahal dritta dritta sal grotta - (*idur, lir-Reverendu*) - hekk ikun jaqbal - din darba kienet popjeta tal-familja Casterot - il-familja t'ommha - u nbaghad minn hemm tinqassam fi tnejn - f'zewg toroq li jaslu sal-knisja ta' fuq - dik tkun fuq blata soda biex tibni knisja fuha - dik.
(*Tidhol is-sinjura Leclerc*)
MME.LECLERC Reverendu waslet il-Madre.
REV.PEYREMALE Ghidilha tghaddi. Ghidilha tghaddi.
(*Tohrog is-sa Leclerc*).
M.LACADE U jkollna xi souvenirs s'inbieghu ukoll... tifkiriet... u jkun hemm hwienet apposta ghal hekk. Qed nisthajjel li l-parti l-gdida tal-belt - il-fuq u l-isfel mir-rahal -
REV.PEYREMALE Sur Lacade` hawn il-Madre.
(*Mhasund*) Eh? x'hiex?
REV.PEYREMALE Il-Madre superjura... issa ser ikollok tiltaqa' maghha bilfors.

**M.LACADE** Diga? Qeghdha hawn ? Waslet?
**REV.PEYREMALE** Issa tard wisq biex tahrab.
*(Is-sa Leclerc tidhol. Jidhlu anke l-Madre Superjura u swor Marie Therese : din ta' l-ahhar, mara aristokratika u ntelligenti. Iebsa maghha innifisha daqs kemm hi ma min hi responsabbli ghalih - imma fir-realta la hi mara rrabjata u l-anqas ddejqek - imma facli ma tifhimhiex)*
**REV.PEYREMALE** Grazzi talli gejt Madre. Dan m'sier Lacade ....tafu!?
*(Is-sa Leclerc tiehu xi s-siggu...)*
**MADRE JOS.** Smajt bih. Jekk il-m'sier le Maire imma kien li ried jahrab nista' nserrahlu rasu ma jibza' xejn. Ahna gejna hawn jidhirli biex nithaddtu dwar it-tifla Bernadette Soubirous, taf mhux dwar it-tmexxija tar-rahal. Il-Madre Marie - Therese tafuha? ...il-Madre responsabbli min-novizzi taghna.
*(Is-sa Leclerc tiehu l-inbid minn fuq il-mejda u tohrog)*
**REV.PEYREMALE** Poggi bilqeda Madre jekk joghogbok. Poggi bilqeda. U int ukoll Madre. Poggu.
**MADRE** Nizzik hajr. *(Tpoggi)*
*(Marie Threse tpoggi ukoll)*
**REV.PEYREMALE** Kont qed nittama li tigi Swor Mikelina maghkom ukoll...
**MADRE** Ma kienx possibli. Ma stajniex nohorguha mill-klassi taghha dalghodu. Imma l-Madre Marie Therese taf lit-tifla sew. It-tnejn li ahna nzuru l-ospizju regolarment, taf int.
**REV.PEYREMALE** Da zgur.
**MARIE THERESE** It-tifla ta'Sobirous ilha maghna kwazi sentejn. Kellha kwazi tnax il-sena meta bdiet tattendi l-iskola taghna. Kelna hin bizzejjed issa biex insiru nafuha sew.
**REV.PEYREMALE** Mela allura ghandhom vantagg fuqi f'dil-haga. Jiena Bernadette, giet hawn xi draba jew darbtejn biss. Zewg laqghat ta' natura pjuttost stramba ukoll. *(Ipoggi bilqeda)* *(Lacade jersaq bis-siggu)* Qatt ma ltqajt maghha f'cirkustanzi normali. Veru ltqajt mal-genituri taghha, u dawn laqghuni bhala ta' l-affari taghhom ukoll; ghalkemm imsejkna ma tantx huma xortihom tajba. Imma wiehed jahfrilhom mill-ewwel x'hin jinduna li ma jifhmu xejn f'dawn l-affarijiet. Bhala l-ghalliema tagha intom zgur li kapaci taghtuni stampa cara u bla pregudizzji tat-tfajla, stampa li nista nserrah mohhi meta nigi biex jiena stess nifforma l-fehma tieghi u ta' x'tiswa.
**MARIE THERESE** Dwar x'tiswa nghidlek millewwel : xejn.
**M.LACADE** Xejn m'hu aktar car minn kliemek.
**MARIE THERESE** Taqbel mieghi M'sier le Maire?
**M.LACADE** *(mhawwad)* Le mhux hekk ridt nighd.
**REV.PEYREMALE** Is-sur Lacade ghad ma ddecidiex jekk iridx jghaddi t-tifla ta' qaddisa jew le.
**MADRE VAZOU** Tassew? U x'jimporta x'irid is-Sur Lacade? Il-knisja mqaddsa mhix qeghda hawn biex toqghod ghal li jrid hu.
**REV.PEYREMALE** Huwa jidhirlu li qaddisa kapaci tigbed profitti kbar lejn Lourdes, imma jekk qed tigdeb...
**MADRE** *(Tinjora 'l Lacade' u tindirizza lir-Rev.)* Meta Bernadette giet l-ewwel darba taht is-saqaf taghna kienet batuta...'lura hafna..... tant li kont tithassarha. Donnu li ma setghatx tikber u la fil-gisem u kif langas fil-mohh.

REV.PEYREMALE M'hix b'sahhitha hafna, naf.
MADRE Naf iva. Il-qtugh ta' nifs li jtiha ta' spiss zammha 'l boghod mill-iskola bosta jiem....wisq. Kienet taf biss is-Sliema, il-Missierna u l-Kredu. Illum, skond ma jghiduli ma tantx taf wisq aktar anqas.
M.LACADE U ghaliex tahseb?
MADRE Zgur mhux b'xi nuqqas da parti ta' l-ghalliema li kellha zgur...jekk inhi din il-mistoqsija li qed tistaqsini m'sier le Maire.
MARIE THERESE Ir-raguni hi cara. Mhux talli Bernardette stupida, imma talli hija ghazziena ukoll.
MADRE Ma nistghax nghid li sibniha xi tifla difficli jew impossibbli - id-dixxiplina taccettha mill-ewwel u bla kliem.
MARIE THERESE Kwazi kwazi, mill-ewwel iz-zejjed ukoll.
MADRE Il-Madre Marie Therese trid tghid li t-tifla taccetta d-dixxiplina b'rassenjazjoni tant li kwazi kwazi tiskuncertak.
REV.PEYREMALE Bhal nghidu ahna donnu li tgharafha bhala r-rieda t'Alla?
MADRE VAZOU Jekk jghogbok hekk tista ssejhilha r-rieda t'Alla, jekk trid. Fl-iskola insibuha b'isem iehor - insolenza stinata
REV.PEYREMALE Qieghid nifhem (*Wara ftit hsieb*) Intkom tifhmu x'responsabbilta' kbira qed nerfghu. Ahna jehtiegilna li d-decisjonijiet nehduhom fuq il-fatti, u fuq il-fatti biss xejn aktar, u jehtieg li naqtghu barra u nerhu kull emozjoni, sew jekk tigi minn hadd iehor u sew jekk tigi minna nfusna - u dan kollu jghodd il hin kollu, hi jew mhix genwina din Bernardette Soubirous. M'ahniex qed niddeciedu minn hi dis-suppost dehera; m'ahniex qed niddeciedu dwar jekk it-tifla tinghadx jew le mal-qaddisin. Dal-hwejjeg flimkien ma bosta ohrajn jikkocernaw biss awtorita aqwa milli ghanda hawn f'Lourdes. U jekk jiena issa qed nitlob l-ghajnuna taghkom, dan qed naghmlu peres li jena determinat li nsawwar il-konkluzjoni t-tajba, mhux f'gieh il-Knisja mqaddsa, imma f'gieh it-tfajla nnifisa.
M.LACADE (*jghati l-opinjoni meqjusa tieghu*) It-tifla qed tqarraq bina.
REV.PEYREMALE Ir-ragunijiet tieghek jekk jghogbok.
M.LACADE (*ijqum*) Qisu ftit l-istorja taghha din - il-familja taghha. Missierha ma kien xejn aktar minn ragel bla sold - haddiem f'mithna li kellu x-xorti li jizzewweg ghand familja aqwa minn tieghu. Ghala tfajla minn-famlja twajba ta' Casterot kellha tghazlu ... insomma forsi xi raguni kien hemm. Insomma xnieghat zgur li kien hemm u bil-bosta... madankollu ...maghha hi hadet il-Mithna Boly u hu seta' jkun sid tieghu innifsu. U kemm dam? Ghaxra, tnax il-sena? Il-mithna imbieghat. Ghaliex gara hekk tahsbu? Ha nghidilkom jien ghaliex; ghax omm Soubirous kienet tonfoq bla razan u ghax il-missier Soubirous ma kellu l-ebda hila ghan-negozju; u s'issa minn dak in-nhar ghadu m'ghamilx gurnata, jum li huwa jum wiehed ta' xoghol onest. Qatt rajtuh il-maqjel u jghixu fih? Jekk qatt tmorru 'l hemm tpoggux bilqeda u tersqux lejn il-hitan. Barra l-bieb...fossa miftuhha

kif mhumiex ilkoll mejtin - dak li jghaggibni.
*(Lir-Rev)* Jiena nemmen li t-tifla qed igeghluha taghmel dan kollu l-gerituri taghha stess. L-istorja li tirrakonta ma nbidlet qatt...mill-bidu nett.
REV.PEYREMALE Imma dan imur favur u mhux kontra taghna... Le?
M.LACADE Bl-istess kliem ukoll! Dik tghallmet kollox bl-ament bhal papagall. Ghalija dan kollu kemm hu jaghmel sens - qerq tal-injoranti biex jidhru mod iehorf'ghajnejn l-girien. Qed jittamaw li jaqilghu il-flus jew li xi hadd jimpjeghom.
MADRE Ma naqbilx.
REV.PEYREMALE Xi provi ghandhek barra minn kliem it-tfajla nnifisha?
M.LACADE Qedin imutu bil-guh.
REV.PEYREMALE Ghad irrid il-xi hadd jikkonvincini li l-guh huwa offiza kriminali - kif tista tixli 'l xi hadd ghax ibati'l guh?
MADRE Reverendu, ixli mhux il-min ibati l-guh, imma 'l min ihalli, 'l min ibati l-guh.
M.LACADE Dawn 'hma nies li kapaci jaslu ghal kollox. ta spiss issibhom fis-sakra.
REV.PEYREMALE Int qatt ma kont fis-sakra misier Lacade?
M.LACADE *( idur)* Jista jkun li forsi xrobt xi qatra zejda xi minn daqqiet... Imma dik hag ohra.. hag ohra ghal kollox!
MARIE THERESE Tassew?
M.LACADE Int ma min qed izzomm?
MARIE THERESE Zgur li mhux mieghek m'sier le Maire.
REV.PEYREMALE Jiena fis-semplicita' tieghi kollha kemm hi kont hsibt li din kienet haga ovvja u cara daqs l-iswed fuq l-abjad. Issa qed nara li kont imqarraq. F'din l-affari donnu li hemm ifhemiet daqs kemm hemm nies.
*(Lacade` ipoggi bilqeghda)*
MADRE Qed niehu pjacir, reverendu, ngharaf li sa fl-ahhar qed tilmah is-serjeta tassew tal-kaz.
REV.PEYREMALE U ghidli Sur Lacade` ghidli naqra - dil-familja qatt accettaw flus jew xi ghotja ohra minn mindu bdew dad-dehriet?
M.LACADE Min jaf ? Wisq probabbli iwa.
REV.PEYREMALE U skond l-istharrig li ghamilt jien..., certament le.
M.LACADE In-natura umana peres li hi dak li hi....
REV.PEYREMALE Il-pulizija hallīethom - m'ghandhom provi ta' xejn! - sewwa?
M.LACADE *(jiddejjaq)* Skond ma jghiduli, s'issa ghad ma rrizulta xejn.
REV.PEYREMALE U zgur li mhux ghax ma fittxewx sew - zgur.
M.LACADE *(iqum)* Din akkuza, li qed tghamilli, akkuza impertimenti.
REV.PEYREMALE Poggi bilqeghda trid. Hadd m'hu qed jixlik b'xejn. Poggi
*(Lacade` ipoggi)*
MADRE Reverendu kun af li qed tizbalja bl-ikrah. Billi tismaghha, 'l dit-tifla m'inti qed taghmel xejn aktar ghajr tinkoraggiha biex isseddaq l-ezagerazzjonijiet tal-holm taghha. Emminni Reverendu jiena dil-haga garrabtha bosta u bosta drabi. Donnha saret haga komuni fost iz-zaghzagh dwar dan m'sier le

Maire jixtieq li ssir xi haga. Min jaf forsi jiehu pjacir jekk ikun jaf li ahna, fl-ospizju qed fil-fatt nahdmu fuq dan. Filwaqt li s-sur sindku jkun qed jinterroga x-xhieda fl-ufficcju tieghu, u mentri inti, Reverendu, bir-rispett kollu, tkun hawn fl-istudju, tikkuntempla u tgharbel l-affari, is-swor Mikelina qed taghmel dak kollu li huwa possibbli biex turi lit-tifla nnifisa, l-izball li waqghet fih.

REV.PEYREMALE Kif?

MARIE THERESE Ahna minn dejjem konna nafu, Reverendu, li d-dahq ifejjaq il-mohh.

REV.PEYREMALE Trid tghid li swor Mikelina qed izzomm lit-tifla ferhana u dahqana?

MARIE THERESE Irrid nghid id-dahq li haddiehor jidhaq biha, reverendu.

REV.PEYREMALE Twaqghuha ghaz-zufjett?

MARIE THERESE Iwa jekk trid. Iz-zuffjett l-aqwa mod kif wiehed ifejjaq dan l-esibizjonizmu profan.

REV.PEYREMALE *(wara ftit iqum)* Dan li qed tghidli tassew ihawwadni *(jimxi)*

MARIE THERESE Qed nifrah narak tgharaf il-haga fid-dawl taghha. Tifla injoranta, mill-aghar inhawi tar-rahal li qed ixxandrarha mal-erbat irjieh li rat il-Vergni Mqaddsa...

REV.PEYREMALE *(b'sahtu)* Dan mhux minnu. Mhux veru li qatt qalet hekk.

M.LACADÈ Dan qalithu darba, darbtejn, bosta drabi. L-ispettur sahansitra kitbu.

REV.PEYREMALE Ir-rapport tal-ispettur rajtu, m'sier Lacadè u fih m'hemmx kelma wahda dwar il-Vergni Mqaddsa Marija. Bosta drabi tlabt lit-tifla tghid li isem is-Sinjura, u hi ma tafx. Int, u int u intom in-nies ta' Lourdes tajtu 'l dis-Sinjura, identità, isem. Nirrepetilek, Bernadette m'ghamlet l-ebda dikjarazzjoni dwar dan li qed tghidu... u fuq dal-fatt lest li nahlef bhala qassis.

M.LACADÈ It-tifla mohhha jilhqilha.

MARIE THERESE .....Milli qalet jidher car li trid tghid....

MADRE Reverendu inti ragel twajjeb, b'xehta biex tara l-aqwa f'kulhadd. Hu minn natural tieghek innifsek li ma tilmahx in-nuqqasijiet ta' haddiehor. Imma nitolbok li ma terhix li s-simpatijja li ghandek lejn dil-jahasra tifla tghamik u tghalaqlek ghajnejk ghal dak li huwa tal-aqwa gid...kemm ghal knisja Kattolika, u kemm ghat-tifla innifisa. Qed nghidlek li jekk din Bernadette Soubirous ma tkunx ikkastigata ghal qerq taghha, mhi ser tispicca qatt din l-istorja tal-vizjonijiet ta' Lourdes. Issib li kull tfjala u mara ta' kif gie gie jibdew jintelqulek ghar-rkuptejhom quddiem il-grotta.... mitlufin f'daghdigha. Bhal pandemonju reverendu jkollok.

REV.PEYREMALE Mela int allura tammetti li taghha hija dehra tassew?

MADRE Jiena ma nammetti xejn. Dak kien modo di dire.

REV.PEYREMALE Ha nistaqsikom mistoqsija wahda....lit-tnejn : Ghala Bernadette ma setghatx garrbet dehera qaddisa?

MARIE THERESE Kif, tifla gejja minn dak l-ambjent?

REV.PEYREMALE U b'daqshekk?

**MARIE THERESE** Li kieku kienet xi hadd li ddedikat hajjitha kollha ghas-servizzi t'Alla, kieku forsi wiwhed setgha jemminha - wara ovvjament, li jittiehdu l-mizuri kollha.
**M.LACADÈ** Jigifieri trid tghid int, tkun xi soru minn Nevers, nissoponi eh?
**MADRE** Reverendu nappellalek....
**REV.PEYREMALE** Tghatix haz tas-sur sindku Madre. Minn dejjem kienet il-mira tal-pagani li jgellduna bejnietna.
**M.LACADÈ** Min huma l-pagani?
**REV.PEYREMALE** Int. Bhal ma tiftahar (*lil M.The.*) Inti ma tahmilx il-Bernadette minhabba li hija semplici u fqira. Int tahseb li d-dehriet jisthoqqu li jigu ghand irgiel qaddisa u .....nisa qaddisa.....biss. Nixtieq infakkek li Sidna Gesu ma twelidx la patri, u la qassis... kien iben mastrudaxxa mill-ifqar nett.
**M.LACADÈ** Dan is-seklu dsatax. M'ghandek l-ebda dritt tistenna li l-vizjonijiet u l-mirakli jigru llum fl-1858. Illum nafu, shansitra kif jahdem ta' l-univers; dak kollu li darba, hafna zmien ilu kien miraklu illum gie ppruvat ta' li hu - il-hidma semplici u mimlijja qies tan-natura.
**REV.PEYREMALE** U ghax int kapaci twahhal isem fuq kollox tahseb li int kapaci tispjega kollox - hekk tahseb ? U hallina minnek m'sier Lacadè. Mur ara sur Lacadè. Mur arasur Lacadè, x'tahseb u kif tissahhar li kieku kelli nfakkrek li sahansitra int kellek...dehra.
**M.LACADÈ** Jien?
**REV.PEYREMALE** (*idur lejh*) Int. Hawn f'dil-kamra stess; l-anqas ilu nofs siegha. Forsi ma kenitx dehra qaddisa....anzi fil-fatt kienet wahda pjuttost mondana biex ma nghidx profana - imma dehra, vizjoni xorta wahda kienet. Mhux ser inhalli lili nnifsi nkun tant ardit u nqabbel il-vizjoni tieghek ma ta' Bernadette; taghha, nahseb li hi wahda mqanqal mill-fidi; tieghek minn xi haga pjuttost aktar materjali (*lil Madre*) Kienet vizjoni ta' Lourdes iffullata bi knejjes u mimlija nies u pellegrinaggi gejjin minn kull rokna tad-dinja - folol gejjin mewg mewg biex izuru l-grotta u jinhaslu u jistejqru bl-ilmijiet minn nixxiegha.
**M.LACADÈ** Dak ma kienx ghajr tfassil il-mohh - holma.....
**REV.PEYREMALE** U dehra x'inhi jekk mhix xi speci ta' holma? Hawn xi hadd li kapaci jkejjel fejn jieqaf il-holm u fejn tibda d-dehra?Ghall x'uhud, il-holm taghhom huma veri... verissimi nghid. Int kapaci tkun cert li l-holma tieghek m'hix ser issehh?
**M.LACADÈ** Nghidlek is-sew, jiena ma nemminx fil-mirakli.
**REV.PEYREMALE** U mela allura jisghobija... jiddispjacini ghalik. Tassew li jisghobijja. Ghandek zball Hux hekk, Madre?
**MADRE** Tassew
**REV.PEYREMALE** Anke f'das-seklu li qed nghixu fih, m'hemm xejn stramb u barra minn loku fil-mirakoluz; M'humiex il-miraklu li jonqos....tonqsu intkom ilkoll li ghamejtu u m'ghadkomx tarawhom. Lis-sinjura, Alla fl-abbundanza u fil-generozita bla tarf tieghu,gabhom tant hwejjeg ta' kuljum li nies bhalkom l-anqas tgharfuhom m'ghadkom - ahseb u ara kemm tilmhu li huma mirakli? - fejn taf li x-xemx ser titla ghada... ukoll? Fejn taf?
**M.LACADÈ** Heqq....(*jilghab b'idu*)
**REV.PEYREMALE** (*bil-hlewwa*) Peress li dejjem telghet fl-imghoddi int tahseb li tista' tuza l-matematika u tahdimha li se titla

ghada wkoll hux? Imma mur l-ura ghal bidu nett tal-holqien - min qatt seta jbassar li x-xemx kellha terga tfegg fis-sema l-ghada li ghabxet l-ewwel darba. Min kien dak li qatt seta jkun jaf jekk kienetx ser terga tintlemah fis-smewwiet bla tarf; il-matematika sur sindku, jew il-Fidi? U jum b'jum dik il-fidi kibret, issedqet u tqawwiet minnha nnifisa, sakemm fik fl-ahhar - fl-arroganza tieghek - saret haga certa u ghosfor kull dubju.

**M.LACADè** U issa nehtiegu miraklu li kapaci jwaqqaf dic-certezza.

**REV.PEYREMALE** U nghidlek li dic-certezza trid miraklu kuljum biex tibqa' certezza.

**M.LACADè** Qed nahli hin hawn. *(Imur ghal bieb)* Missni ga ili hdejn il-grotta nofs siegha. *(Idur)* Lili jidhirli li dil-haga mhix ghajr skond kif ifettillek taraha. Imma minn haga wahda nista' nserrahlek mohhok ibqa' zgur li hemmhekk, illum ma ser jigri l-ebda miraklu.

**REV.PEYREMALE** Attent! Gharaf x'qed tghid, li ma jmurx forsi Alla nnifsu ma jkunx hieles mit-tentazjoni li jwettaq miraklu.

**MADRE** *(Lil Lacadè)* Min ser iwaqqfu jekk ikollu jsehh? - int jew il-pulizija?

**M.LACADè** Il-jum it-tajjeb lit-tnejn.

*(Lacadè jitlaq)*

**MADRE** Jidhirli reverendu li m'ghad baqalna xejn xi nghidu.

**REV.PEYREMALE** Kemm hi haga facli ghalik madre li ma jkollox l-ebda dubju. Imma mbaghad wara kollox Bernadette ma tigix ghandek bil-messaggi taghha. *(Ipoggi)* Ghidli, jista' jiena jkolli l-ardit ninjorah messagg meta tigini hawn u tghidli li s-sinjura li tara trid li tinbena kappella - nista' jiena ninjorha xi haga bhal din? Dazgur li kieku naf li dis-sinjura ma tezistix ghajr fl-isthajjil taghha kieku haga facli ma nghtix kaz, imma naghmlu l-kaz ghal waqt wiehed li mhux sthajjil. X'hiex imbaghad eh?

**MADRE** Inti tahseb li forsi dan xi miraklu....modern?

**REV.PEYREMALE** Jehtiegli nkun naf.

**MADRE** U tittama int li Alla jibghatlek miraklu iehor biex permezz tieghu taghraf ta' l-ewwel....

**REV.PEYREMALE** Donnok li qed tghidli li dan mhux ghajr xoghol ix-xitan, madre, biex itellifna l-fidi taghna. *(Iqum)*

**MADRE** Kif nistghu nkunu certi li mhux? Il-fidi ma tinhtiegx provi 'l hin kollu - altrimenti ma tkun fidi xejn. Int Reverendu, tinqala hafna biex tithaddet, u ssibha facli thawwad lis-sindku, imma jien jidhirli li Alla jghamel sew li jzomm lura mill-mirakli, peress li dawn kieku - jwahxuna. Jien, lili aktar tinteressani sahhet dit-tifla; u hsibt li kien ghalhek l'inti bghatt ghalija illum.

**REV.PEYREMALE** Da zgur, da zgur. Zommuha maghkom fil-kunvent - ghallinqas ghal xi zmien.

*(il-Madre tibqa bilqeda siekta)*

**MADRE** Din ix-xewqa tat-tifla?

**REV.PEYREMALE** Ma stqsitniex hi; imma naf xi twiegeb kieku. Tinhitieg ftit tas-sliem mill-folol li jigru warajha, u tinhtieg li xi hadd jifhima - xi whud minn dawk li taw hajjithom ghal Alla.

MADRE Ma nista ' nweghedek xejn.
REV.PEYREMALE It-tifla tinsab f'saram kbir. Mhux sew li kulhadd jibqa' jdejjaqha hekk; mhux sew lin-nies joqghodu jiffittawha 'l hin kollu li jilmhuha u mhux sew li l-hin kollu joqghodu jdejquha biex tbierekilhom il-kuruni tar-ruzarju. Minn dakinhar li sabet in-nnixxiegha fil-aghar ta' Massabielle, kulhadd il-hin kollu jittallab min ghanda dil-povra tifla. Hwejjeg bla raguni. Tinsab f'saram kbir jahasra.
MARIE THERESE Xena xejn edifikanti.
REV.PEYREMALE Lin-nies ta' Lourdes ma dehrilhomx hekk.
MARIE THERESE Kien hemm x'uhud li hasbuha barra minn sessiha dakinhar. Tassew, reverendu, tghidlix li hemm xi haga mirakoluza fli tinxtehet ma' l-art fit-tajn, thaffer fih b'idek u ssib l-ilma li kien hemm minn dejjem....?!
REV.PEYREMALE Hi tghid li kienet is-sinjura li wasslitha s'hemmhekk - u fil-fatt sabitu l-ilma.
MARIE THERESE Fil-fatt sabet it-tajn, Tajn......u thamget bih - bhall bhejjem, u kielet mill-haxix ta' l-art - bhall-annimali.
REV.PEYREMALE Nistqarr li m'inhix nifhem, tassew. Imma tant hemm hwejjeg.... u madankollu issa hemm ilma, hemm. Jghidu li n-nixxigha gejja b'sahha liema bhala....u sahansitra jinhaslu fiha qedin; u Alla biss jaf kemm hemm nies li xorbu mill-ilma - jew jekk hux tajjeb ghax-xorb.
MARIE THERESE U b'daqshekk x'gara? Le Reverendu, it-tifla gabet dan kollu b'idejha u issa jehtiegilha tbati l-konsegwenzi ....hi.
REV.PEYREMALE Tbati! Jisghobijja li zgur se tbati. *(Wara ftit)* Ejja nissoponu li ghandek ragun; ejja nissoponu li Bernadette hatja tal-mottivi li qed tixluha bihom *(Imur wara s-sorijiet)* U ghax hi, fl-injoranza taghha - ghallinqas din ma tistghux tichduha - ghax fl-injoranza taghha laghbet man-nar, u qanqlet ghal fuqha dilluvju ta' setghat li mhux kapaci tikkontrolla - ahna sew li nwarrbhu 'l hemm u nerhuha tgherreq u titlef ruhha fihom?
MADRE JOS. Il-kunvent qieghed ghal dawk li ghandhom vokazzjoni.
MARIE THERESE Hemm bnadi ohra li tista' tintbaghajt fihom biex tkun mharga sew - taf int...dar il fqar jew fil-habs.
*(Qabel ma jwiegeb tasal tahbita fuq il-bieb. tidhol is-sa Leclerc ftit eccitata).*
MME.LECLERC Hawn it-tifla, Reverendu.
REV.PEYREMALE Bernadett?
MME.LECLERC U wara l-bieb hemm folla mhux hazin ukoll. Gew warajha. U hemm omma u missiera wkoll.
*(Ir-Rev. ma jzommx certa ferh. Jghati daqqa t'ghajn lil Madre li tibqa kiesha u bierda)*
Qed tistaqsi jekk tistghax tkellmek, Reverendu.
REV.PEYREMALE Iva, Iva. Ghidilha tghaddi.
MME.LECLERC U l-genituri taghha?
REV.PEYREMALE Jekk tixtieq.
*(Sa Leclerc tohrog. Il-Madre u M.Th. jqumu bilwieqfa)*
Nittama li tibqa hawn, Madre?
MADRE Jekk tixtieq.
REV.PEYREMALE Ghallinqas.. forsi... tikkonvincikom.
MADRE *(Kemm kemm iebsa)* Forsi....min jaf...

*(Jidhlu Bernadette, Louise, Francoise. Bernadette u Louise jinkinaw quddiem is-sorijiet u dawn ipoggu)*

REV.PEYREMALE Bernadette, binti. Poggi bilqeda.
*(Tpoggi)*
Mort il-grotta dalghodu?

BERNADETTE Iwa Dun.

REV.PEYREMALE U dawk in-nies li hemm barra dawk ukoll kienu hemhekk?

LOUISE Reverendu ma jridux ihalluna bi kwietna - jigru 'l hin kollu wara binti.

REV.PEYREMALE Hallifha tithaddet hi.

BERNADETTE Jiena ridt nigi hawn wahdi imma gew warajjha.

MARIE THERESE Mhux dak li tixtieq int?
*(Ber. tmejjel rasha)*

FRANCOIS Dun inti taf li dan mhux minnu. Hadd minna ma jridhom warajh. L-anqas f'darna m'ghad baqalna kwiet... tarahom b'wicchom mat-twieqi u jekk ma jkunux il-folol ikunu l-pulizija. ghidilhom, nitolbok....ghidilhom jerhuna bi kwietna.

REV.PEYREMALE Soubirous, int tahseb li ghandi wisq setghat. Dawk issa nghidilhom x'nghidilhom jien, mhumiex ser jisimghu minni.

MARIE THERESE Jaqaw issa spicca l-qliegh?
*(Fran. jiehu pass il-quddiem imma Louise tweqfu)*

LOUISE Qatt ma hadna sitt habbiet, minghand hadd. MInix qed nghid li ma ridux jghatuna flus u affarijiet ohra. Ma nistghax noqghod nippretendi li qatt ma kellna t-tentazjoni - imma qatt ma cedejna u qatt m'accettajna xejn. Bernadette, ma tixtieqx.

REV.PEYREMALE Jekk jghogobkom...f'idi, f'idi *(Lil Bernadette)* x'se tghidli llum?

BERNADETTE Ghedtilha lis-sinjura li inti tlabta ghal xi miraklu....

REV.PEYREMALE Tassew? Jisghobijja. u x'qalet?

BERNADETTE Tbismet reverendu.- Il-hin kollu titbissem regghet staqsietni ghal kappella.

REV.PEYREMALE U min ser ihallas ghal kappella? Jien m'ghandix flus. Int ghandek?

BERNADETTE Da zgur li le dun. Inti taf li m'ghandix. Imma hi...hi kappella ckejkna trid ckejkna.

MADRE Int tghid li dis-Sinjura tithaddet mieghek?

BERNADETTE Iwa madre.

MADRE Mela kif allura hadd qatt ma semaghha barra minnek?

BERNADETTE Ma nafx. Ghidli x'naghmel. Forsi ma jisimghux bhali.

REV.PEYREMALE Kif titkellem? Biex titkellem?

BERNADETTE *(tidhak)* Uh, dan. Bhal ma nithaddtu d-dar;bhal fost il-hbieb.

MARIE THERESE Hemm qed tara reverendu! Bhal li kieku dak li qallu l-Vergni Mqaddsa Omm Allaser titkellimlek bhal ma jitkellmu d-dar, fost il-hbieb. Kif tispjegha din il-haga?

BERNADETTE Hi titkellem li nista' nifhimha jien.

MARIE THERESE Ah mela allura l vergni Mqaddsa qed tidhirlek?

BERNADETTE Jien qatt m'ghidt hekk. Int qed tghid. Jien ma nafx minn hi, ma tridx tghidli x'jisimha.
*(ir-rev bil-kwiet jersaq)*

MARIE THERESE Imma int staqsejtha?
BERNADETTE *(lir-rev)* Int ghidtli nistaqsiha dun u jien hekk ghamilt. Imma hi titbissemm...biss. Illum qaltli xi haga li jien ma stajtx nifhem. Il-hin kollu nismahha f'mohhi t-triq kollha....
MARIE THERESE Bernadette.
BERNADETTE Iva Madre.
MARIE THERESE U din is-sinjura tieghek dejjem l-istess tilbes? L-istess ilbies?
BERNADETTE Iva.
MARIE THERESE U ghada tigi bil-ward abjab f'saqajha. *(tigdeb apposta biex tbawwadha).*
BERNADETTE Bil-ward isfar.
MARIE THERESE U din l-libsa celesti li tilbes sa fejn tasal? Tasal sa gharquba?
BERNADETTE Il-libsa bajda.
MARIE THERESE Int qabel ghidt li kienet celesti.
BERNADETTE Le Madre.
MARIE THERESE Binti qed tigdeb.
BERNADETTE Le! It-terha kahla!
MARIE THERESE Ghalfejn qed tmur il-grotta?
BERNADETTE Hemm tghidli immur is-sinjura.
MARIE THERESE Qatt ma rajtha bnadi ohra?
BERNADETTE Le Qatt.
MARIE THERESE Ara - hares *(turi statwa tal-madonna)*Tixbah 'l dik?
BERNADETTE Ah, le!
MARIE THERESE Ghaliex?
BERNADETTE Isbah. Hafna aktar sabiha minhekk.
MARIE THERESE U kemm ser idumu dal-laqghat?
BERNADETTE Ma nafx. Darba staqsietni jekk stajtx naghmlilha favur u immur hemm ghal hmistax il-jum....
MARIE THERESE Favur... jekk inti stajtx.....prusuntuza.
BERNADETTE *(iddur fuq ir-rev)*: X'igieferi dun? Ghidt xi haga hazina?
REV.PEYREMALE Swor Marie Therese trid tghid li jekk dis-sinjura hija ir-Regina·tas-Sema, l-favur qed taghmlu hi lilek.
BERNADETTE Qaltli li li kieku stajt immur kienet tiehu gost...
REV.PEYREMALE U inti x'ghetilha?
MARIE THERESE Nissosponi ghedtilha ha nsaqsi 'l ommi u l-missieri?
BERNADETTE Iwa hekk ghedtilha.
*(Frans. u Louise jitbissmu. Anke r-Rev.)*
REV.PEYREMALE Qatt ghaddielek minn mohhok, Bernadette li did-dehra tista' tkun qarrieqa?
BERNADETTE Le dun!
REV.PEYREMALE Qatt m'ghaddilek minn mohhok, jew qatt ma tista' tkun dehera qarrieqa?
BERNADETTE Le...ma jistax ikun. Qaltli biex nitlob ghal midinbin, u weghedittni.....
MARIE THERESE X'weghditek?
BERNADETTE *(wiccha jeleqq)* F'din id-dinja m'ghandi l-ebda setgha nferrhek, imma fl-ohra.
REV.PEYREMALE *(attent)* Dal kliem qatt m'ghedtuli qabel.

BERNADETTE Hemm bosta, hafna hwejjeg ohra li qaltli u li qatt m'ghedtlek qabel, dun.
MARIE THERESE Per ezempju?
BERNADETTE Qaltli hwejjeg ghalijja wahdi. Hwejjeg li qatt m'ghandi nirrepeti ma hadd.
REV.PEYREMALE Sigriet?
BERNADETTE Iwa.
MARIE THERESE Lanqas mal-konfessur tieghek?
*(Berna. tghamel sinjal 'le' b'rasha)*
U nissoponnu li jikkmandak l-isqof?
BERNADETTE Zgur li qatt ma ser jistaqsini nikxefx sigrieti.
MARIE THERESE Kif tridna nemmnu f'dis-Sinjura tieghek jekk inti ma tisqarrx kollox?
BERNADETTE Is-Sinjura ma qaltli qatt biex ingaghalkom temmnu.
REV.PEYREMALE *(iqum)* Jidhirli lili li staqsejna bizzejjed mistoqsijiet ghal-llum. Jekk m'ghandek xejn aktar xi tghidilna, Bernadette, ahjar tmur id-dar issa. *(jaqsam sa hdejn bieb il-gnien u jhares il-barra)*
LOUISE *(Tersaq)* Ejja binti.... irridu nhabbtu wiccna ma dawk issa.
*(Bern. tqum u tinkina quddiem is-sorijiet)*
FRANCOIS Dun, taf inti l'ahna ma' rridu nghamlu l-ebda deni b'dan ?
REV.PEYREMALE Naf ibni naf. Ara ohorgu mill-bieb tal-gnien u tevitaw il-folla. Kun imbierka binti. Ghalkemm ma tantx jiena zgur jekk verament ghandekx bzonn ta' t-tberik tieghi.
BERNADETTE *(iddur)* X'ridet tghid, is-Sinjura meta qaltli
Que soy l'Immaculade Councepciou?"
*(Kulhadd jieqaf hesrem. Ir-Rev. u M.The. iqumu)*
REV.PEYREMALE *(bejnu u bejn ruhu)* "Jien l-Immakulata Kuncizjoni" Hekk qaltlek? Illum?
BERNADETTE Iwa dun. Imma ma nafx xi tfisser. Jiena qadt nirrekpeti l-kliem it-triq kollha biex ma ninsiex.
MARIE THERESE Qed tidghi, Madre, hekk hu! Dagha! Messek tisthi, tifla, messek tisthi tqieghed dal-kliem f'halq dil-hjiel. Imissna nahslu jdejna minnek.
REV.PEYREMALE *(idur fuqha)* Dik madre, haga li zgur'l int ma tistax taghmel. Nemmen li ghad jasal zmien li jisghobik ta' dal-kliem.
MADRE Jidhirli li issa jehtiegilna nitilqu Reverendu. Nittama li din iz-zjara kienet ta' xi siewi ghalik.
*(U bla ebda kelma ohra johorgu jt-tnejn il-barra)*
REV.PEYREMALE *(imur fuq Bern.)* Bernadette qeda tqarraq bija.
BERNADETTE Le dun.
REV.PEYREMALE Xi tfisser, "L-immakulata Kuncizjoni"?
BERNADETTE Ma nafx.
REV.PEYREMALE Qatt smajthom dal-kliem qabel?
BERNADETTE Ma nahsbix. Ma nahsibx.
REV.PEYREMALE *(Retoriku)* Min qed iqieghed il-kliem f'halq dit-tifla? Min?
*(Ommha w Mssierha jiccassaw)*
Alla jghini! Tlabt. Waslet ir-rispost, u xorta ghadni bla fidi. *(Lil Bern)* Is-Sinjura dal-kliem qalitu bi twegiba ghal mistoqsijiet tieghi.